NATIONAL COUNCIL FOR THE ELDERLY
Patronage - H.E. The President of the Republic of Malta
Members of AGE Platform Europe

NEWSPAPER POST

# L-Anzjani Llum

Leħen il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani

Nru. 110

April - Ġunju 2023



## IL-PRESIDENT FLIMKIEN MAL-MEMBRI TAL-KUNSILL NAZZJONALI TAL-ANZJANI JAWGURAW LILL-ANZJANI KOLLHA L-ISBAĦ XEWQAT GĦALL-GĦID IL-KBIR

F'din l-edizzjoni...



4
**Is-Sur Vincent Piccinino**
*Intervista minn Nazju Abela*



18
**Is-Sur Silvio Parnis**
*Apprezzament*

# Żbalji Postali

## Sensiela mal-Gozo Philatelic Society b'kitba ta' Antoine Vassallo

Illum xtaqt inħares ftit lejn ħames bolli sportivi li juru ċerti nuqqasijiet:-




L-ewwel: Dick Fosbury, Amerikan imwieled fl-1947, ta kunjomu lil stil ta' qabża fl-isport tal-*high jump*. Il-*Fosbury flop* ma vvintahiex Dick imma kien hu li żviluppaha, ipperfezzjonaha u għamilha popolari tant li, ftit ftit, saret l-istil normali ta' qbiż, b'lura fuq id-dahar flok 'il quddiem għar-ras, kif kienu jaqbżu qabel. Dan seħħ kemm peress li, b'dan l-istil ta' qabża, Dick Fosbury rebaħ il-midalja tad-deheb fl-Olimpijadi tal-1966 kif ukoll minħabba li bdew jintużaw imtieraħ iktar tajbin u siguri. Sfortunatament, din il-bolla b'ismu, maħruġa fl-1966 mill-gżejjer tal-Karibew, St Vincent, turi sport differenti, il-*pole-vault*. Naturalment, f'dan l-isport, il-qabżiet jistgħu jiskorru s-sitt metri waqt li l-qbiż bla lasta għadu mbiegħed sew mit-tliet metri.




It-tieni: Il-*bobsleigh* hu sport pjuttost perikoluż fl-Olimpijadi tax-xitwa. Din il-bolla ħarġet mill-Jemen (ġirien tal-Arabja Sawdita fejn, niddubita, kemm għandhom silġ). Ħarġet biex tfakkar il-Logħob Olimpiku tax-xitwa li sar fi Grenoble fl-1968. Imma, min iddisinja l-bolla, ivvinta sport ġdid għax, bħala *bobsleigh*, jeżistu biss ta' tnejn jew ta' b'erbgħa, mhux ta' bi tlieta, kif tidher hawnhekk. Jekk irridu nagħmlu ċajta, allura nistgħu ngħidu li, biex ikun hemm tlieta, irid ikun waqa' wieħed minn ta' b'erbgħa.




It-tielet: Il-pajjiż Afrikan ta' Lesotho ċċelebra l-Olimpijadi tal-Korea tal-1988 b'sett ta' sitt bolli imma inkluda din il-bolla li turi l-*bowling*; sport li mhux inkluż mal-isport Olimpiku (anki jekk xi ħaġa simili nsibuha mdaħħla fil-logħob għal dawk bi bżonnijiet speċjali, il-Para *Olympics*). Fil-fatt ġie li saru sforzi biex it-*ten-pin-bowling* ikun inkluż fl-Olimpijadi wkoll imma, s'issa, dan għadu ma seħħx. Hemm ukoll żball ieħor għax, il-bandiera li tidher wara fuq ix-xellug, hija bandiera antika li l-Lesotho kien bidel iktar minn għaxar snin qabel.




Ir-raba': Pajjiż Afrikan ieħor li, ta' spiss, joħroġ bolli dwar l-isport huwa l-Gambja. Din il-bolla partikolari dehret bħala parti minn sett ta' bolli li ħareġ fis-sena 2004 għall-okkażjoni tal-Kampjonat Ewropew tal-futbol li sar fil-Portugal. Imma, araw x'taħwid! Fuq din il-bolla jidher il-player Taljan, Angelo Domenghini, rebbieħ ta' bosta unuri, speċjalment mat-tim tal-Inter ta' Milan. Domenghini hawnhekk jidher liebes il-kit tal-istaġun tal-1965-6. Barra minn hekk, ir-ritratt huwa fflippjat orizzontalment, jiġifieri, imdawwar bil-maqlub mix-xellug għal-lemin. Infatti, l-i*scudetto* (il-*badge* fuq il-flokk) qiegħda n-naħa l-ħażina ta' sidru, jiġifieri, fuq ix-xellug mhux fuq il-lemin, kif suppost.




Il-ħames: Din hija bolla oħra mil-logħba tal-futbol. Din il-bolla hija mill-pajjiż Latin Amerikan tal-Paragwaj, suppost, biex jifraħ lill-klabb Stuttgart għar-rebħ tal-kampjonat Ġermaniż fl-1984. Imma wżaw sett li, oriġinarjament, kien ħareġ fl-1973 bi preparazzjoni għat-Tazza tad-Dinja li saret fil-Ġermanja. Hija ftit stramba li, minn banda, tifraħ lil Stuttgart għar-rebħ tal-*league* Tedesk u, mill-banda l-oħra, hemm it-Tazza tad-Dinja fil-lemin ta' fuq.

Hemm żball lingwistiku stramb ukoll għax, fil-kantuniera xellugija ta' fuq, fejn hemm il-*player* bil-flokk isfar, Dietmar Erler tal-Borussia Dortmund, minflok ismu biss, bħall-ieħor, naraw il-kliem *hier Erler* li tfisser 'hawn Erler'. Din żgur li hija istruzzjoni tad-disinjatur lill-istampatur biex jgħidlu fejn għandu jikteb isem il-*player* Erler! Dan huwa kkonfermat mill-fatt li l-*player* l-ieħor, McNab, huwa muri permezz ta' kunjomu biss.

**'L-ANZJANI LLUM' huwa leħen il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani li joħroġ bla ħlas kull tliet xhur biex iżomm lill-Anzjani kollha infurmati b'dak li qed jiġri dwarhom u għalihom, u biex jaqsam magħhom il-veduti, ideat u suġġerimenti tagħhom.**

**IL-BORD EDITORJLI**

**Editur:**
Vincent Piccinino

**Membri:**
Mary Farrugia, Nazju Abela,
Josiah Grech,
Marica Attard Cassar

**Proof Reader:**
Sonya Micallef

**Typing u Distribuzzjoni:**
Marica Attard Cassar

**IL-KUNSILL**

**President:**
Peter Paul Bonnici

**Viċi President:**
Nazju Abela

**Segretarju:**
Raymond Cardona

**Ass. Segretarju:**
Manuel Grima

**Teżorier:**
Godwin C. Micallef

**Ass. Teżorier:**
Saviour Attard

**Segretarju Internazzjonali:**
Dr. Anthony De Giovanni

**U.R.P.:**
Nazju Abela

**Ass. U.R.P.:**
Josiah Grech

**Membri:**
Louise Azzopardi
Alfred Mallia
Mary Mangion
Frank Mumford

**ĦINIJIET TAL-UFFIĊĊJU GĦALL-PUBBLIKU**
Ċemplu għall-appuntament
mit-Tnejn sal-Ġimgħa
09:00 - 12:00

**INDIRIZZ POSTALI**
**' L-Anzjani Llum'**
**Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani**
**Triq Dom Mawru Inguanez,**
**Birkirkara - BKR 4811**
**Tel: 21 243860**
**E-mail: maltakna@gmail.com**
**www.kna.org.mt**
**Issettjat u Stampat: Bonnici's Press**
**36, Triq San Pawl, Valletta**

# EDITORJAL



## Ħbieb Anzjani, Insellmilkom

**Jikteb Vincent Piccinino - Editur**

Fl-2011, miet Steve Jobs, b'kanċer tal-frixa. Kellu biss sitta u ħamsin sena u, warajh, ħalla fortuna ta' iktar minn seba' **biljun** dollaru Amerikan. Dawn huma xi wħud mill-aħħar riflessjonijiet tiegħu.

F'dan il-mument, wiċċi 'l fuq, marid fis-sodda, niftakar fl-imgħoddi tiegħi u nirrealizza li l-fama u l-ġid kollu li għandi ma jfissru assolutament xejn meta qed nistenna l-mewt minn mument għall-ieħor. Għandi flus biżżejjed biex inġib l-aqwa nies biex ituni l-iprem servizz imma mhux possibbli nsib lil xi ħadd biex iġorr il-marda li għandi. Il-flus jistgħu jtuk kull xorta ta' affarijiet materjali imma l-ħajja ma tistax tixtriha; lanqas bil-biljuni.

Meta kbirt, irrealizzajt li arloġġ ta' ħamsin ewro u arloġġ ta' ħames mitt elf ewro t-tnejn juru l-istess ħin; li karozza ta' ħmistax-il elf ewro u oħra ta' mija u ħamsin elf ewro jwassluk fl-istess destinazzjoni; li flixkun imbid ta' ħmistax-il ewro u ieħor ta' elf u ħames mitt ewro jqabbduk l-istess *hangover*; u li f'dar ta' tletin metru kwadru jew f'oħra ta' tliet elef metru kwadru s-solitudini hija l-istess.

Il-ferħ veru ma tiksbux bl-akkwist ta' ħwejjeġ materjali imma mill-affezzjoni tal-maħbubin tiegħek. Nittama li tifhem li, meta jkollok il-ħbieb, jew lil xi ħadd li miegħu tista' titkellem, dak huwa l-veru ferħ.

Ħames affarijiet li huma importanti għall-ħajja:

- Tgħallimx lil uliedek kif isiru sinjuri imma għallimhom kif jagħmlu biex ikunu ferħanin ħalli, meta jikbru, ikunu jafu l-valur tal-affarijiet, mhux il-prezz.
- Qis l-ikel li tiekol bħala mediċina inkella tispiċċa tieħu l-mediċina bħala ikel.
- Xi ħadd li jħobbok ma jitilqek qatt, anki jekk ikollu mitt raġuni biex iċedi u jaqta' qalbu; hu jew hi dejjem isibu xi raġuni oħra għala għandhom jibqgħu. Hemm differenza bejn li tkun bniedem u li tkun uman.
- Jekk trid tgħaġġel, mur waħdek imma, jekk trid tasal, ħu lil xi ħadd ieħor miegħek.
- U, fl-aħħar, f'kull stadju ta' ħajtek, kun grat u gawdi l-iċken affarijiet sal-aħħar; apprezza l-imħabba tas-sieħeb jew tas-sieħba tiegħek, tal-familja tiegħek u ta' ħbiebek biex, meta jinżel is-siparju ta' ħajtek, tieħu miegħek il-ġid veru ta' din id-dinja.

Is-saħħa u s-sliem lil kulħadd



# Nazju Abela jintervista lil Vincent Piccinino l-Editur tal-*Magazine*, *L-Anzjani Llum*

Jgħidu li, Ħadd wara Ħadd, tasal ta' kulħadd! Waslet ukoll l-intervista mal-Editur ta' dan il-*magazine* tagħna l-anzjani, Vincent Piccinino. Vincent huwa Belti minn rasu sa saqajh. Twieled il-Belt Valletta fl-4 ta' Lulju tal-1945 u, kif iħobbu jgħidu dawn in-nies, tgħammed fl-Insinji Bażilika, Parroċċa Matriċi Prinċipali ta' Sidtna Marija tal-Portu Salvu, jiġifieri, fi ftit kliem, fil-Knisja ta' San Duminku tal-Belt.

Lil Vince, ħafna jiftakruh meta kien jieħu sehem fil-*quizzes* li kien jagħmel Charles Xuereb fuq *Television Malta* għadd ta' snin ilu. Imma, għalkemm ilu, lil Vince, in-nies għadhom isibuh bħala, *tal-istilel* għax darba, fi *quiz* minnhom, is-suġġett speċjali tiegħu kien l-astronomija.



Ma' Vince tkellimt dwar tfulitu, dwar il-karriera tiegħu, fuq il-festi tal-Belt, fuq iż-żmien li għamel bħala Segretarju Privat tal-Prim Ministru, Dr Alfred Sant, fuq il-*King's Own*, fuq il-festa ta' San Duminku u, ovvjament, fuq il-ħidma tiegħu f'dan il-*magazine*. Bħalma ser naraw f'din l-intervista, Vince għadu attiv sal-lum stess u, fil-fatt, nixtieq nirringrazzjah talli għoġbu jsib il-ħin biex iwieġeb il-mistoqsijiet li għamiltlu.

**Vince, għidilna xi ħaġa fil-qosor dwar it-tfulija u l-istudji tiegħek sakemm wasalt biex tidħol fid-dinja tax-xogħol.**

Jien wieħed minn dawk l-ixxurtjati li nista' ngħid li kelli tfulija sabiħa. Ma kellniex wisq imma konna ferħanin għax konna nikkuntentaw bil-ftit li kellna. Ħadt l-edukazzjoni primarja tiegħi fl-iskejjel ta' Sant Jiermu u dik tal-Baviera tal-Belt minn fejn, fl-1957, għaddejt għall-Iskola Sekondarja Teknika ta' San Ġużepp tar-Rahal Ġdid. Fl-ewwel nofs tas-snin sittin, kont membru tal-*King's Own Malta Reġiment*, li kien reġiment militari imma fuq bażi volontarja; it-*territorials* konna ngħidulu dak iż-żmien. Imbagħad dħalt *St Michael's Teachers' Training College* u bdejt naħdem bħala għalliem. Meta kont il-Kulleġġ, u anki wara, ħadt sehem fl-operetti li kienu jtellgħu *Brother David* u *Maestro* Joseph Vella. Infatti, naħseb li jien l-uniku wieħed li ħadt sehem fl-operetti kollha li għamlu; erbgħa b'kollox, jiġifieri, *Die Fledermaus, Night in Venice, The Gypsy Baron* u *Orpheus in the Underworld.*

**Naf li bdejt il-karriera tiegħek bħala għalliem għax, għal xi snin fis-sebgħinijiet, konna ngħallmu flimkien fl-iskola Sekondarja ta' San Ġorġ ta' Ħal Qormi. Imbagħad inti tlaqt u mort taħdem fiċ-Ċivil. Għidilna xi ħaġa dwar dan!**



Ma nistax ngħid li kont kuntent bħala għalliem u, fl-1978, meta nħolqot l-iskema Ħaddiem-Student, bdejt kors fl-Università minn fejn, wara ħames snin, ksibt grad ta' *B.A. (Hons)* fl-Amministrazzjoni Pubblika u bdejt karriera fiċ-Ċivil. Matul iż-żmien li għamilt fiċ-Ċivil, attendejt għadd ġmielu ta' korsijiet ta' taħriġ f'diversi materji ta' natura amministrattiva, kemm f'Malta kif ukoll barra. Għamilt tlieta u għoxrin sena naħdem Kastilja, servejt taħt ħames Prim Ministri differenti u kont anki Segretarju Privat ta' wieħed minnhom, Dr Alfred Sant. Irtirajt minn mal-Gvern bħala Direttur, Finanzi u Amministrazzjoni fis-sena 2006, meta għalaqt wieħed u sittin sena.

**Naf li tħobb ħafna l-Malti. L-editorjali ta' dal-magazine jixhduh dan! U anki ppubblikajt xi kotba. Għidilna xi ħaġa dwar il-kitba tiegħek, inkluż l-esperjenza tiegħek bħala editur ta' dan il-*magazine*.**

Issa ma nesaġerawx! Ktieb wieħed ippubblikajt. Għandi xi kitbiet oħrajn imma għadni ntella' u nniżżel jekk nippubblikahomx jew le. Imbagħad naraw. Iva, xi tliet snin ilu, ippubblikajt ktieb ta' novelli jismu, *L-Appuntament mad-Destin*. L-istejjer f'dan il-ktieb, iktar iva milli le, huma msejsa fuq karattri li kienu jeżistu tassew; xi wħud minnhom Beltin u oħrajn li kienu midħla tal-Belt. Allura, l-ewwel nofs tal-istorja x'aktarx li huwa bbażat fuq fatti li ġraw veru imma, imbagħad, it-tieni nofs tal-istorja, naturalment, huwa ħlejqa tal-immaġinazzjoni tiegħi, sempliċiment biex noħloq storja interessanti, li wieħed jieħu gost jaqraha u anki jieħu xi sorpriża fi tmiemha.

Bħala editur ta' dan il-*magazine*, min jaf kemm indejjaq nies għax jien wieħed minn dawk li niffitta ħafna u li rrid kollox preċiż, bil-punt u l-virgola. Imma nħobb nikteb bil-Malti u naħseb li l-*forte* tiegħi huwa s-sens umoristiku. Anki fil-ħajja privata tiegħi, jiena magħruf bħala bniedem x'aktarx *happy go lucky,* ċajtier u

baħbuħ. Qatt m'għidtlek din qabel għax kont nibża' li tista' tapprofitta ruħek minni!

**Vincent, il-Beltin magħrufin għall-briju li joħolqu fil-festi, fil-Karnival, fir-Regatta Nazzjonali u meta jirbħu xi unur tal-futbol. Jidhirli li int ukoll kont Membru tal-Kumitat tal-*King's Own*. X'tikkummenta dwar dan?**



Hawn jidher li tkixxift mhux ħażin fuqi wkoll! Iva, veru; ħati! Mhux talli kont Membru tal-Kumitat tas-Soċjetà Filarmonika, *King's Own* imma, għal xi snin, kont anki nokkupa l-kariga ta' Segretarju. Imma llum qed nikber u qed nipprova nnaqqas mill-ħafna mpenji li kont nidħol għalihom bir-ras sa ftit tas-snin ilu. Naqbel miegħek li l-Beltin huma magħrufin għall-briju u jien, sakemm dan ikun b'mod ordinat, dixxiplinat u li ma jweġġa' u ma jinsulunta lil ħadd, ukoll nieħu pjaċir bih. Niddiżgusta ruħi biss, u jwaqqgħuli wiċċi l-art, meta jkun hemm xi boloh li jaqbżu l-limiti tad-diċenza. Mill-bqija, anki jien nieħu gost naqbeż magħhom.

**Fl-aħħar nett, kif qed tqatta' l-ħin liberu tiegħek? U, bħas-soltu, għandek xi messaġġ għall-qarrejja tal-*magazine*, *L-Anzjani Llum*?**

Illum ,jien, Membru tal-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku. Peró, fil-ħin ħieles tiegħi, dejjem insib x'nagħmel.għax għandi ħafna interessi. Barra milli jien



editur ta' dan il-*magazine*, jien editur ukoll ta' *magazine* ieħor jismu *The Cockerel,* li huwa l-*magazine* ta' *Tottenham Hotspur Malta Spurs*, li joħroġ kull xahrejn. Jekk ma nkunx mehdi b'xi wieħed minn dawn l-impenji, lili ssibni jew naqra, jew nara xi dokumentarju, jew inwieġeb xi intervista bħal din jew insegwi l-futbol u s-*snooker*. Kultant, anki nħobb nilgħab xi logħba *snooker* jien ukoll, il-Każin. Inħobb in-natura u l-annimali, inħobb insajjar, inħobb nagħmel (u niekol) il-ħelu; immur żewġ passiġġati kuljum (biex naħraq il-kaloriji) nagħmel xi *crossword* jew xi *sudoku*, insomma, dejjem għaddej b'xi ħaġa.



U dan hu l-messaġġ li nixtieq ngħaddi lill-qarrejja tagħna. Żommu ruħkom attivi mill-aħjar li tistgħu; kemm fiżikament kif ukoll mentalment. M'hemmx għalfejn nesaġeraw. Ħadd mhu qed jippretendina mmorru niġġoggjaw imma jeħtieġ li niċċaqalqu ftit għax inkella niġġammjaw. U, barra ġisimna, ma rridux ninsew inħaddmu naqra moħħna wkoll. Jekk nagħmlu hekk, ħajjitna tkun iktar komda, iktar b'saħħitha, itwal, eħfef, isbaħ u ta' iktar sodisfazzjon ukoll.

## Żewġ minuti kollox

### *F'żewġ minuti, anzjan attiv jirrakkonta żewġ ċajtiet*

**Irnexxielu jipparkja, sa fl-aħħar!**
Manwel kien ilu ħin twil maqbud fit-traffiku. Sa fl-aħħar, għalkemm siegħa tard, wasal fejn kellu jasal u beda jħabbel rasu fejn ser jipparkja. Ħares lejn is-sema u, b'ħerqa kbira, beda biex jagħmel wegħda li, jekk isib fejn jipparkja mingħajr iktar telf ta' ħin, jerġa' jibda jmur il-quddies kull nhar ta' Ħadd u jaqta' x-xorb. Lanqas laħaq dar il-kantuniera li ma jsibx post mill-ewwel mingħajr inkwiet. Reġa' għolla wiċċu lejn is-sema u qal: "Insa kollox! Tinkwetax! Sibt post. Grazzi!"

**Serħan il-moħħ**
Leli u Lippu, eks *players* tal-Girgenti Ajax Football Club, kienu jiltaqgħu fuq bank fil-pjazza tar-raħal u, naturalment, id-diskors sikwit kien jaqa' fuq il-*football*. "Kos hux," qal darba waħda Leli, "Min jaf il-Ġenna hemmx *football*? Kieku, meta mmorru hemm, jekk Alla jrid, nerġgħu nibdew nilagħbu! Xi tgħid Lipp?"
"Min jaf hux," qallu Lippu. "Isma', aħna nistgħu nagħmlu biċċa xogħol ta. Niftiehmu li, min imut l-ewwel minna, fl-ewwel lejl jidher lil ieħor u jgħidlu jekk il-Ġenna hemmx *football* jew le. Xi tgħid Lel?" U t-tnejn qablu.
Mhux wisq wara, Leli mar jiltaqa' mal-Mulej u, ta' raġel li kien, dak il-lejl stess deher lil Lippu u qallu: "Serraħ rasek Lipp għax il-Ġenna hemm *football* ukoll. Infatti, nhar is-Sibt, għandna logħba importanti u jien ser nilgħab. U Lipp, ħejji ruħek għax int ser tkun il-*goalkeeper*; bħal dari!"

# Il-kanuni u l-blalen tal-ħin ta' dari

***Kitba ta' Tony Tanti, Membru tal-Għaqda Maltija tal-Astronomija***

Kuljum, mijiet ta' Maltin u turisti jinġabru l-Barrakka ta' Fuq, il-belt Valletta, biex isegwu t-tir tal-kanun li jimmarka nofsinhar u l-erbgħa ta' waranofsinhar. Għal dan it-tir jintuża wieħed mit-tmien kanuni li hemm fis-*Saluting Battery*, taħt il-Barrakka. Fl-imgħoddi, il-kanun tal-ħin kien jgħin lill-baħħara tal-bastimenti ankrati fil-Port il-Kbir biex jaġġustaw l-arloġġi tagħhom. Il-ħin kien importanti ħafna fit-tbaħħir għax kien jintuża minn navigaturi biex jikkalkolaw il-pożizzjoni eżatta tagħhom fuq il-baħar.

Illum, meta l-ħin jista' jiġi faċilment irregolat permezz tal-*internet* jew tal-*GPS*, il-kanun tal-ħin m'għadux ta' użu. Imma, fis-sekli tmintax u dsatax, kien wieħed mill-ftit mezzi li bih il-poplu seta' jkun jaf xħin hu. Ħafna bliet kellhom din is-sistema bħal, ngħidu aħna, Vancouver il-Kanada, Edinburgh l-Iskozja, Pariġi fi Franza, Żagreb il-Kroazja u Ruma l-Italja. Uħud minn dawn il-kanuni għadhom jiġu sparati imma, illum, aktar iservu ta' attrazzjoni turistika milli għall-iskop oriġinali tagħhom. Il-kanun tal-Kastell ta' Edinburgh, li jmur lura għas-sena 1861, huwa wieħed mill-iktar magħrufin. Jiġi sparat kuljum minbarra l-Ħdud, fil-Ġimgħa l-Kbira u fil-Milied. Minħabba l-għoli li jinsab fih, il-ħoss tal-kanun jinstema' minn tliet kilometri bogħod.

Il-kanun tal-ħin ta' Ruma twaqqaf fl-1817 mill-Papa Piju IX li ried li l-knejjes tal-belt eterna jkollhom ħin eżatt meta jdoqqu l-qniepen. Għall-ewwel, it-tir kien sparat minn Castel Sant'Angelo. Imma, f'Awwissu tal-1903, il-kanun ittieħed fuq Monte Mario, fil-majjistral ta' Ruma biex, ftit xhur wara, fl-24 ta' Jannar 1904,



il-kanun reġa' ċċaqlaq, din id-darba għal fuq l-għolja tal-Gianicolo, fiċ-ċentru ta' Ruma, fejn jinsab illum.

F'Malta, l-użu ta' kanun biex jgħarraf il-ħin lill-pubbliku jmur lura mill-inqas tliet mija u ħamsin sena. Fil-bidu, kienu jkunu sparati tliet tiri kuljum, fi tlugħ ix-xemx, f'nofsinhar u fi nżul ix-xemx, minn fuq il-Kavalier ta' San Ġakbu fid-daħla tal-Belt biex iheġġu n-nies għat-talb. L-ewwel u l-aħħar tiri kienu jservu wkoll ta' sinjal biex jinfetħu u jingħalqu l-bibien tal-Belt. Mal-miġja tal-Ingliżi fl-1800, il-kanun tal-ħin beda jkun sparat mis-*Saluting Battery* fit-tmienja ta' filgħodu, f'nofsinhar u fi nżul ix-xemx. Din il-batterija nbniet ħames mitt sena ilu bħala parti mis-swar li jdawru l-Belt u hija fost il-batteriji ċerimonjali l-iktar qodma li għadhom jintużaw fid-dinja.

Kmieni fis-seklu għoxrin, il-kanun tal-ħin kien jiġi sparat minn fuq il-vapur navali HMS Egmont li, qabel, kien jismu HMS Hibernia. Fl-1914, meta l-HMS Egmont salpa lejn Ġibiltà, il-kanun reġa' beda jiġi sparat mis-*Saluting Battery*. Il-batterija waqfet tispara t-tiri f'Novembru tal-1923 meta l-Osservatorju Astronomiku ta' Greenwich f'Londra beda jxandar il-ħin permezz tar-radju. Fl-2011, wara skiet ta' kważi disgħin sena, il-kanun tal-ħin ta' Malta reġa' ngħata l-ħajja mill-Fondazzjoni Wirt Artna (FWA) hekk kif din lestiet ir-restawr estensiv tas-*Saluting Battery*.

Il-kanuni tas-*Saluting Battery* huma replika ta' kanun tas-seklu dsatax. Jiżnu mat-tliet tunnellati u kapaċi jisparaw balla ta' tnejn u tletin libbra jew ħmistax-il kilogramma. Ftit qabel nofsinhar u ftit qabel l-erbgħa ta' waranofsinhar, membri tal-FWA libsin ta' suldati tas-seklu dsatax iħejju żewġ kanuni. Meta kollox ikun lest, is-suldati jieħdu posthom, b'ħarsithom lejn il-Barrakka u darhom lejn il-port. Meta jsir il-ħin, jiġi sparat it-tir. Jekk, għal xi raġuni, l-ewwel kanun ma jiħux, jiġi sparat tir mit-tieni kanun minuta wara. Għal xi żmien, tir ieħor kien sparat f'nofsinhar f'Għawdex, skont il-ħin li kien juri kronometru li kien jinsab fl-osservatorju meteoroloġiku tal-Ġiżwiti fis-Seminarju tar-Rabat.

Mezz ieħor li dari kien jintuża biex jitħabbar il-ħin tal-jum huwa dak ta' ballun li jitħalla jinżel ma' arblu. Ibbażat fuq din is-sistema, il-Griegi tal-qedem kellhom arloġġ fil-pjazza ewlenija tal-belt ta' Gaza fil-Palestina li, fir-raba' seklu qabel Kristu, kienet tagħmel parti mill-Imperu Grieg. L-ewwel ballun tal-ħin tal-era moderna twaqqaf fl-1829 mill-Ammiral, Robert Wauchope, f'Portsmouth l-Ingilterra. Fis-snin ta' wara, inbnew blalen tal-ħin f'ħafna bliet oħrajn. Mas-sittin ballun tal-ħin għadhom jeżistu madwar id-dinja għalkemmm il-biċċa l-kbira minnhom, m'għadhomx jaħdmu.

L-iktar ballun tal-ħin magħruf li għadu jaħdem sal-ġurnata tal-lum huwa dak li hemm fl-Osservatorju ta' Greenwich. Inbena fl-1833 mill-Astronomu Rjali, John Pond, bl-iskop li jgħin il-bastimenti ankrati fix-xmara Thames, kif ukoll lill-pubbliku, jaġġustaw l-arloġġi tagħhom. Dan il-ballun għandu dijametru ta' metru u nofs, magħmul mill-injam u l-metall u huwa ta' lewn ħamrani. Bħal ħafna blalen ta' osservatorji astronomiċi oħrajn, il-ballun ta' Greenwich, jimmarka s-siegħa ta' waranofsinhar minflok nofsinhar. Huwa maħsub li ntgħażel dan il-ħin għax, żmien ilu, l-astronomi li kienu jħaddmu dawn il-blalen kienu mħabbtin b'xogħol ieħor f'nofsinhar. Din l-użanza baqgħet tinżamm sal-lum: Għalhekk, kuljum fis-siegħa nieqes ħames minuti ta' waranofsinhar, il-ballun jittella' sa nofs l-arblu li huwa erba' metri u nofs għoli. Fis-siegħa nieqes żewġ minuti, il-ballun jittella' sa fuq nett tal-arblu u, żewġ minuti wara, jinżel ħelu ħelu biex jimmarka l-ħin tas-siegħa.

L-ewwel ballun tal-ħin fl-Amerka beda jaħdem fl-1845 fl-Osservatorju Navali ta' Washington. Jingħad li, l-ex President John Quincy Adams, tant affaxxina ruħu bih li spiss kien jimxi minn ħdejh biex jaraħ nieżel mal-arblu. Ballun tal-ħin modern li hu segwit minn miljuni ta' nies madwar id-dinja fl-ewwel tas-



sena huwa dak li hemm f'Times' Square, New York. Intuża l-ewwel darba fl-1907 u, illum, huwa l-qofol taċ-ċelebrazzjonijiet li jsiru fi New York biex jilqgħu is-sena l-ġdida. Dan il-ballun għandu dijametru ta' tlieta punt seba' metri, jiżen iktar minn ħames tunnellati u huwa magħmul minn qafas tal-metal miksi b'madwar elfejn u seba' mitt pannelli trijangoli li jixegħlu permezz ta' tnejn u tletin elf bozza. L-inżul tal-ballun f'nofsillejl fil-festi tal-ewwel tas-sena fi New York, ikun imxandar dirett fuq ħafna stazzjonijiet tat-televiżjoni Amerikani u fuq l-*internet*.

Dari, f'Malta wkoll kien hawn blalen tal-ħin. L-ewwel wieħed kien twaqqaf fl-1881 fuq il-bini tad-dwana fil-Port il-Kbir. Iktar tard, fl-1906, twaqqfu blalen oħrajn fuq in-Naval Signal Station tal-Berġa ta' Kastilja u fuq it-turretta tal-Palazz tal-Gran Mastru. Il-blalen ta' Kastilja u tal-Palazz kienu jidhru sew, kemm mill-Port il-Kbir kif ukoll minn dak ta' Marsamxett. Għaldaqstant, dawn kienu ta' għajnuna kbira għall-bastimenti sorġuti hemmhekk u anki għall-pubbliku biex jirregolaw l-arloġġi tagħhom. Flimkien mat-tir tal-kanun, dawn il-blalen kienu jimmarkaw il-ħin ta' nofsinhar. Sal-1908, is-servizz tal-blalen tal-ħin kien provdut mill-uffiċċju tad-dwana imma, wara, kien provdut mill-Ammiraljat.

---

# Mill-ktieb tat-tifkiriet
## *'Fjuri li ma Jinxfux'*

**tal-Prof. Oliver Friggieri**




# Il-ħajt, sa fl-aħħar, twaqqa'

Kienet ħaġa xierqa mela li, sa fl-aħħar, il-Ħajt ta' Balzunetta jitwaqqa' u, miegħu, jibdew jaqgħu l-preġudizzji li ntirtu miż-żmien ta' qabel. Ħafna minn nies ta' Balzunetta llum ħallew lil din id-dinja imma t-tifkira għażiża tagħhom tibqa' fil-qalb ta' dawk li ġew wara u għadhom hawn u, b'din il-kitba, nittama li xemgħa ċkejkna tibqa' tnemnem f'kull riħ u f'kull temp fuq qabarhom. L-istituzzjonijiet il-kbar imsemmijin baqgħu hemm waqt li ħafna żgħażagħ bnew il-ħajja ġdida tagħhom fi bliet u rħula oħrajn. Uħud emigraw ukoll u mhix l-ewwel darba li wħud minnhom ġew lura għall-festa u biex jaraw x'fadal minn dik id-dinja kulurita ta' tfulithom. Fid-dawl ta' dan l-esodu, forsi għad ikunu l-istituzzjonijiet li jżommu ħaj l-isem ta' dik li darba kienet dinja żgħira għaliha; dinja li llum hu diffiċli ħafna li tpinġiha bil-kliem, dinja li forsi anki l-fotografi ta' żmienha ma ridux jeħdulha ritratt.

Konna nagħmlu passiġġata tul il-Ħajt tal-Mall minn naħa għal oħra; minn quddiem Sarria sat-tarf fejn kien hemm il-monument tal-Granmastru Vilhena, magħruf bħala l-Monument Tas-Sultan, u l-Kanun. Dawn tneħħew minn hemm fl-1989 biex jitqiegħed il-mafkar ta' għeluq il-ħamsa u għoxrin sena tal-Indipendenza u tqiegħdu fil-misraħ bejn l-Istitut Kattoliku u *Montgomery House*. Il-passiġġata ta' tfulitna kienet tispiċċa b'rikba fuq il-Kanun li, ta' tfal li konna, kemm-il darba stħajjilnieh żiemel li xejn ma jonqsu ħlief li jqum minn nagħsa u jibda jiġri bina. Il-Kanun! Kemm kien jixegħlilna l-fantasija! Kemm soqna ż-żiemel taparsi u b'serjetà liema bħalha u ma ridniex ninżlu minn fuqu!

Waqa' l-Ħajt u, miegħu, bdiet taqa' l-Balzunetta l-qadima li kienet magħluqa u maqtugħa għaliha bis-saħħa tiegħu daqskemm kienet imħarsa minnu. Minfloku, beda jinbena ambjent psikoloġiku u soċjali ġdid. Kien sinjal ta' żminijiet ġodda, differenti, li kellhom jaraw ukoll lill-pajjiż kollu jkompli jiġġieled biex jegħleb preġudizzji antiki.

**Is-Sur Falzon**

Fil-klassi tas-Sur Falzon ma kontx se titkellem kif ġieb u laħaq. Kellu dixxiplina kbira u, matul il-lezzjoni, kien jaf iżomm silenzju sħiħ. Is-silenzju huwa l-aqwa ċertifikat ta' għalliem tajjeb. Il-klassi tiegħu kienet l-ikbar u l-isbaħ waħda, imgħammra b'gallerija miftuħa tal-ġebel, dik li tidher fuq il-bieb il-kbir tal-iskola, imħaxken ma' żewġ kolonni twal u ħoxnin. Meta jfettillu, is-Sur Falzon kien jixref fil-gallerija, jittawwal ftit lejn naħa u oħra u jdur biex jerġa' jidħol 'il ġewwa magħna biex ma jagħtiniex ċans nitilfu l-attenzjoni. F'idu, kien iżomm riga twila u rqiqa, timmolla kemm kemm li, biha, seta' jindikalna n-numri u l-kliem fuq il-blekbord jew, xi drabi, jċaqċaqha biex ibeżżagħna ħalli nieqfu mit-tpaċpiċ. Moħħna kien għadu mxerred wisq u dan ir-raġel kien jesiġi attenzjoni l-ħin kollu, inkella jagħdab, jgħolli leħnu u jagħtina *copy*.

Kien mill-Ħamrun u baqa' għażeb sal-aħħar, deċiż li jżomm dik id-dehra eleganti, kważi kburija, ta' ġuvni sħiħ, ladarba kien għalliem bi storja twila, u kellu l-fiduċja meħtieġa fih innifsu. Insomma, din hi l-impressjoni li kelli tiegħu dejjem sakemm, maż-żmien, smajt li ħalliena. Kien mudell ta' għalliem tradizzjonali fi skola primarja. Kien jitilqilha kuljum bil-mixi minn Triq il-Kbira San Ġużepp, jimxi bil-pass meqjus tiegħu, kemm kemm qabbieżi, b'dirgħajh imgħaqqdin bil-pali ta' jdejh wara dahru u jasal il-Furjana fil-ħin u qatt minuta tard. Kien mibni sew, mibrum, imma aktarx twil u dejjem dritt u, mill-ġdid, idejh wara magħqudin flimkien. Kien il-figura tar-raġel dinjituż, trankwill, figura li, fil-ħamsinijiet u ftit wara, kienet timla t-toroq Maltin.

# Il-Liżar ta' Turin – Is-sitt parti

*Kitba ta' Anthony Cardona*

**Ir-riċerka xjentifika tkompli**

Fl-1988, tliet laboratorji prestiġjużi, f'Tucson, l-Amerka, f'Oxford, l-Ingilterra u fi Zurich, l-Iżvizzera, irrikorrew għal *carbon 14 testing* fuq biċċiet żgħar mil-Liżar. Dan it-tip ta' test juri l-epoka li fiha kien jeżisti oġġett arkeoloġiku li jsirlu dan it-test billi jkejjel kemm l-oġġett jitlef radjuattività kull sena li tgħaddi minn fuqu. B'hekk, jistabbilixxu xi kemm għandu żmien. Meta ħarġu r-riżultat, kulħadd baqa' miblugħ għax it-tlieta li huma qalu li l-Liżar kien ta' żmien il-medju evu, jiġifieri bejn l-1260 u l-1390. Id-dinja kattolika nħasdet għax kulħadd kien iqisu bħala l-kefen ta' Kristu. Imma, l-istess xjenza, malajr waqqgħet din il-konklużjoni meta x-xjenzat Russu, Dimitri Kuznetsov, li kien rebaħ il-Premju Lenin għax-Xjenza u kien wieħed mill-aqwa esperti tad-dinja f'dan il-qasam, sab li, meta l-Liżar kien espost għal shanat kbar fin-nirien ta' Chambery, id-drapp saritlu bidla fl-isotopi ta' bejn il-materjali differenti qrib xulxin. Dan ifisser li l-Liżar żdiedlu l-livell ta' radjukarbonju fid-drapp u, b'hekk, reġa' ġedded żmienu. Minħabba f'hekk, meta sarlu l-*carbon 14 test*, ir-riżultat wera li l-Liżar kellu inqas żmien milli, fil-fatt, kellu. Kuznetsov wera li, meta oġġett jiġi eżaminat (sew jekk ikun pjanta, annimal jew bniedem) meta jkun għadu ħaj, il-*carbon 14* li jiddiżintegra mill-organiżmu tiegħu ikun bilanċjat mill-istess ammont ta' *carbon 14* ikkaġunat mill-enerġija tal-ikel jew nutriment. B'hekk, l-ammont ta' *carbon 14* f'ġisem ħaj jibqa' kostanti għax ikun hemm ekwilibriju bejn l-ammont ta' tħassir u dak li jissostitwih. Imma, meta bniedem imut, dan it-tibdil mal-ambjent jieqaf u l-ekwilibriju jintilef. Il-*carbon 14* jibda jonqos b'mod irriversibbli u, iktar ma jgħaddi żmien u l-oġġett jeqdiem, iktar jitlef mil-*carbon 14* tiegħu. Ir-rata ta' tħassir tista' titkejjel xjentifikament u, b'hekk, tkun taf kemm l-oġġett huwa qadim u ta' liema żmien kien skont kemm ikun tilef mill-isotopi tal-*carbon 14*. Anki l-ġenetiku, Jerome Lejeune (li skopra l-*gene* tad-*Down's Syndrome*) skopra li l-Liżar kien għadda minn nar ieħor f'Kostantinopli. Huwa analizza kodiċi antiki u sab li, fl-aħħar tas-seklu tnax, il-Liżar kien f'Kostantinopli u l-Imperatur kien urieh lil xi nobbli Ungeriżi. Dan juri wkoll li l-Liżar kien jeżisti qabel id-dati li ħarġu mit-tliet universitajiet ta' Tucson, Oxford u Zurich. Minn analiżi oħra, instab ukoll li, meta Franco Testore, professur tat-teknoloġija tat-tessuti fil-Politekniku ta' Turin u t-tim tiegħu ħadu l-kampjun għall-*carbon 14 test*, m'għamlux investigazzjonijiet kimiċi u mikroskopiċi biex jaċċertaw li l-kampjun kien tajjeb biżżejjed.

Studju ieħor fuq it-traċċi mikroskopiċi fuq il-Liżar sar mill-professur tal-botanika, Avinoam Danin, mill-Università Ebrajka ta' Ġerusalemm. Danin analizza traċċi mikroskopiċi ta' polline minn pjanti u fjuri li nstabu fuq il-Liżar. Huwa sab li l-pjanti kienu minn speċi li jinstabu fir-reġjun ta' Ġerusalemm. Huwa qal li dawn it-tip ta' pjanti u fjuri ssibhom biss fir-reġjun ta' Iżrael. Dak li qed jgħidu li l-Liżar huwa mill-Ewropa u ta' żmien il-medju evu ma jistax ikun. Dan l-istudju kompla jikkonferma li t-testijiet tal-*carbon 14* li saru fl-1988 mit-tliet universitajiet ma kinux kredibbli. Skont Danin, il-Liżar huwa ta' żmien qabel is-seba' seklu. Il-professur Danin sab xi traċċi tal-pjanta *zygophyllum dumosum*, tip ta' favarja li tikber f'Iżrael, il-Ġordan, l-Eġittu u fis-Sinaj. Sab ukoll traċċi ta' żewġ pjanti oħra, *cistus creticus*, magħrufa bħala *rock rose*, li tikber fil-Lvant Nofsani u *goundelia tournefortii*, arbuxell li jikber fid-deżert u li hu mifhum li huwa l-materjal li jinsab fil-kuruna tax-xewk.



Dawn l-iskoperti sabhom ukoll Uri Baruch, espert tal-polline fl-Awtorità Iżraeljana tal-Antikitajiet ta' Ġerusalemm. Fil-Katidral ta' Oviedo fi Spanja, hemm relikwa oħra magħmula minn faxxa li huwa mifhum li hija ċ-ċarruta li fiha geżwru r-ras ta' Ġesù wara li miet, li fiha wkoll hemm traċċi tad-demm u traċċi ta' polline, *goundelia tournefortii*. Minn studju li sar fl-1983, instab li, kemm il-Liżar ta' Turin, kif ukoll il-faxxa ta' Oviedo, li ilha dokumentata sa mill-ewwel seklu u li ilha fil-Katidral ta' Oviedo sa mis-seklu tmienja, fihom l-istess tip ta' demm AB u li huwa tal-istess bniedem.

Rigward id-demm ta' fuq il-Liżar, minn eżamijiet bl-*X-Ray fluoresence* sabu li fih hemm il-preżenza ta' kalċju, stronzju u ħadid. Wara li, fl-1981, ġie analizzat id-demm minn Bollone, instab li huwa demm uman tat-tip AB. Dan it-tip ta' demm huwa wkoll l-istess tip li ġie analizzat fil-miraklu tal-Ewkaristija ta' Laciano, fi Chieti, l-Italja, li seħħ tlettax-il seklu ilu. Bollone sab ukoll li t-tbajja' tad-demm fir-riġlejn juru qtar ħomor u ċelloli epidermiċi umani. Fir-rapport tiegħu, Bollone spjega kif jagħqad id-demm wara l-mewt ta' bniedem u qal li, minn ħames sa għaxar minuti wara l-mewt, id-demm jibda jagħqad; minn għoxrin sa erbgħin minuta wara, bir-ritrazzjoni tad-demm, tibda s-separazzjoni tas-serum li huwa l-fluwidu isfar fid-demm; wara xi ħin, tibda tifforma l-qoxra u dan jiddependi minn fatturi differenti bħalma huma fost oħrajn, il-qies tat-tebgħa,

it-temperatura u l-umdità.

Minn dan l-istudju, it-tabib Gilbert Lavoie mill-Kulleġġ Mediku ta' Virginia, l-Istati Uniti u konsulent fl-Iġjene Medika fl-Università ta' Johns Hopkins, ikkonkluda li l-immaġini fuq il-Liżar turi li, sa ftit minuti qabel il-mewt, id-demm kien inixxi mill-feriti u li l-ġisem kien imkeffen ġol-Liżar sa mhux iktar tard minn sagħtejn u nofs wara l-mewt.

Fi studju ieħor miċ-Ċentru Internazzjonali ta' Studji tal-Liżar ta' Turin li jinsab f'Pariġi, meta analizzaw il-wiċċ ta' fuq il-Liżar bil-kompjuter, bdew jaraw bħal ittri bil-Grieg u bil-Latin. Taħt il-geddum sabu l-kelma '*IESUS*' u, fuq naħa waħda, '*NAZARENUS*'. Wara dawn l-iskoperti, sabu li ċ-ċenturjun Ruman li kellu jara li s-sentenza tal-mewt tkun esegwita, ċappas il-liżar tal-mejjet bil-kolla biex fuqu jinkiteb isem l-ikkundannat. U sar magħruf ukoll li l-isem 'Iesus Nazarenus' bil-Latin, bil-Grieg u bl-Ebrajk, kienu mnaqqxa fuq biċċa mis-salib li jinsab Ruma.

---



# "Issa x'nagħfas?"

## Taħdita bejn bint it-teknoloġija tal-mezzi tal-komunikazzjoni moderni u nannitha

*Kitba ta' Carmen Dimech*

In-nanna: Jekk qed nisma' sew, qed iddoqq il-ħġieġa!

In-neputija: Nann, dik *tablet* jgħidulha; mhux ħġieġa.

In-nanna: U fejn naf jien? U int mhux xorta fhimtni? Allura x'irrid nagħmel? Għidli ruħi, għax jien ma nafx! Dik in-nannu, Alla jaħfirlu (mhux għax kellu x'jaħfirlu ta, daqskemm kien raġel tajjeb, miskin!) imma dak hu kien jinnavika fiha din biex naraw u nkellmu lil Johnny tagħna meta jċemplilna mill-Awstralja.

In-neputija: Int l-ewwel iftaħha Nann, ħalli tara min hemm.

In-nanna: Hawn, ftaħtha. Iva, Johnny tagħna jidher, jaħasra! Issa x'nagħfas?

In-neputija: Hemm stampa ta' *telephone* żgħir, missu bil-ponta ta' subgħajk Nann u tkun tista' tisimgħu ikellmek.

In-nanna: Għafastu! Issa x'iżjed?

Johnny: Hawn Ma, kif int?

In-nanna: Ara jaħasra! U, kif tridni nkun? Kif tarani, pinġini, ibni.

Johnny: Ma, qed nisimgħek imma m'iniex narak.

In-nanna: Fini x'tara, ibni. Għadni nieżla minn fuq il-bejt u għandi xagħri kollu msebbel.

Johnny: Ma jimpurtax, Ma. Imma jien xorta waħda rrid narak.

In-nanna: Allura x'irrid nagħfas?

In-neputija: Hemm *camera* żgħira, in-naħa t'isfel tal-i*screen*, kemm tmissha ftit u hu jkun jista' jarak.

In-nanna: M'iniex nara kmamar jien! Stenna ftit ħalli nġib in-nuċċali! Fejn għamiltu jien? X'waħda din; kemm sirt ninsa!

In-neputija: Hemm qiegħed Nann, fuq rasek.

In-nanna: U iva bilħaqq. Kieku hawn in-nannu, aqta' kemm jgħidli, "Dak għax tagħmlu fuq rasek?" U jien kont ngħidlu, "Dak biex iżommli xagħri." U hu kien joqgħod igerger waħdu u jgħid, "Mur ifhimkom lilkom in-nisa!"

In-neputija: Mhux aħjar tkompli tkellem lil *Uncle* John Nann, għax ħallejtu fuq il-linja?

In-nanna: Kif? Mela minn fuq tal-linja qed iċempel? U issa sar U*ncle* John ukoll? M'għadux iz-ziju? Hawn John, ibni, skużani taf. Isma', naħseb li sew tagħmel tuża tal-linja għax jgħidu li jaqbillek!

Johnny: X'int tgħid Ma? Qed tħawwadni. Il-mniefaħ! *Sorry* Ma, imma se jkolli naqta' għax qed iċempel il-bieb. Għandu jkun, ġie xi ħadd imma, iktar tard, jekk Alla jrid, nerġa' nċempillek u noqogħdu nitkellmu ftit bil-kwiet. Tajjeb hekk?

In-nanna: Tajjeb ruħi, mur. Tista' ċċempel xħin trid; jien hawn inkun u, miegħi, għandi lil Rita, t'oħtok Ċensina, biex tgħidli x'għandi nagħfas, għax jien ma nafx. Tkun imbierek. Allura, issa x'nagħfas biex nitfih?

In-neputija: U dak jintefa waħdu Nann. Ma trid tagħfas xejn.

In-nanna: X'kumdità hux? Aħjar ta, għax nagħfas xi buttuna b'oħra u iktar inkompli nħawwadlu moħħu lil Johnny.

Johnny: Berikni Ma!

In-nanna: Iva diġà għidtlek; tkun imbierek ibni. Issa x'nagħfas? Eh, issa xejn bilħaqq. U fejn naf jien; x'kull waħda u x'kull tnejn! Ara jien ukoll, fiex kelli niġi! Mur ġib in-nannu! Kieku qiegħed hawn, min jaf kemm kien jidħaq bija jarani nħawwad u ngerfex! Il-Mulej jagħtih il-mistrieħ ta' dejjem! Issa oqgħod hawn ruħi ta għax iz-Ziju John għandu jerġa' jċempel; ħalli tgħidli x'inkun irrid nagħfas!



# Kakti u sukkulenti oħrajn f'Malta

***Kitba ta' George Borg Marks***

L-istorja tal-kaktus u sukkulenti oħrajn hawn Malta tmur lura ħafna snin u naħseb li l-ewwel wieħed li studja bis-serjetà dawn ix-xtieli kien il-Professur John Borg li twieled fl-1873 u sar tabib fl-1898. Għalkemm kien tabib, huwa kellu namra kbira għan-natura u, fis-sena 1900, inħatar Superintendent tal-Ġonna Pubbliċi. Fost il-kotba li kiteb dwar ix-xtieli li kienu jikbru fil-ġonna pubbliċi, insibu *Catalogue of plants cultivated in the St. Antonio Gardens* li l-Professur John Borg kiteb meta kien għadu jistudja fl-Università ta' Malta. Fl-1937, il-Professur Borg kiteb ktieb bl-isem ta' *Cacti*; ktieb li, għalih, huwa baqa' magħruf mhux biss hawn Malta imma wkoll barra minn Malta. Dak iż-żmien, dan il-ktieb kien referenza magħrufa dwar dawn ix-xtieli u kien użat minn ħafna dilettanti li jkabbru l-kaktus, saħansitra, anki barra minn Malta. Il-Professur Borg kellu kollezzjoni kbira ta' dawn ix-xtieli li bosta minnhom kien ikabbar miż-żerriegħa. Ftit qabel miet, fl-1945, fl-età ta' tnejn u sebgħin sena, huwa ta din il-kollezzjoni lill-Università ta' Malta u tpoġġiet fil-Ġnien tal-Argotti, il-Floriana.



Ħafna spiss jistaqsu dwar id-differenza bejn kakti u sukkulenti. Xitla sukkulenti hija waħda li tiflaħ għan-nixfa. Dan ma jfissirx li ma jridux ilma! Tfisser li għandhom ċelloli li, meta tagħmel ix-xita, jintefħu u jaħżnu l-ilma għal meta x-xita ma tagħmilx. Għalhekk, il-kaktus huma xtieli sukkulenti bid-differenza li għandhom partijiet, normalment, b'qisu tajjar (jissejħu *areoles* bl-Ingliż) li minnhom jagħmlu l-friegħi, il-fjuri, il-frott u ż-żerriegħa. Fil-każ tas-sukkulenti l-oħrajn, kemm il-friegħi u anki l-fjuri u l-frott joħorgu minn bejn il-weraq, jew minn maz-zokk; jiġifieri m'għandhomx dawk il-postijiet bit-tajjar. Xi sukkulenti għandhom ix-xewk jew



ponot u ħafna huma dawk li jaħsbu li dawn huma kaktus!

F'Malta hawn ħafna dilettanti li jkabbru dawn ix-xtieli u bosta huma dawk li jkabbruhom għax jieħdu gost ikabbru xtieli fil-ġnien jew f'xi bitħa. Hemm problema ċkejkna meta wieħed ikabbar dawn ix-xtieli. Ħafna minnhom, speċjalment il-kakti, jinstabu f'postijiet fin-natura fejn tagħmel ix-xita fl-istaġun sħun, jiġifieri fis-sajf tagħna. Għalhekk, biex jitkabbru sew iridu jitpoġġew f'post għall-kenn fix-xitwa, bħal, ngħidu aħna, f'xi serra. Imma hemm soluzzjoni għal dawk li m'għandhomx post għall-kenn jew serra; dik li jitħawlu f'materjal poruż. Ħafna huma dawk li jistaqsu jekk jistgħux jitħawlu fil-ħamrija ta' Malta li hija alkalina. Xi xtieli jifilħu għal din it-tip ta' ħamrija u, saħansitra, jistgħu jitħawlu direttament fil-ġnien imma l-aħjar li jitħawlu f'taħlita poruża magħmula minn ramel, żrar tax-xmajjar, *perlite*, *pumice* (pomice) u xi ftit kompost, jekk wieħed ikun jixtieq. Ħafna mis-sukkulenti l-oħrajn jikbru fl-istaġun tax-xitwa u ħafna jistgħu jitħallew barra għax-xita. Is-silġ u l-bebbux jistgħu joħolqu problemi u jkerrħu x-xtieli. Ħaġa oħra importanti hija li jitpoġġew għad-dawl; mhux bilfors fix-xemx diretta. Dan jiddependi minn x'inhi x-xitla u kemm hi kbira. Xi xtieli żgur li ma jistgħux jitpoġġew direttament fix-xemx, speċjalment fis-sajf qalil ta' Malta. Għalhekk, wieħed għandu jieħu parir mingħand oħrajn li ilhom ikabbru xtieli tal-kaktus u sukkulenti oħrajn għal ħafna snin.



Hawn ukoll l-Għaqda Maltija tal-Kaktus u Sukkulenti Oħra li twaqqfet fis-sena 1951, ftit wara l-pubblikazzjoni tat-tieni edizzjoni tal-ktieb tal-Professur John Borg li huwa stess kien irreveda u kabbar ftit qabel miet, fl-1945.

# APPELL

**Nirringrazzjaw lil dawn is-Sinjuri li semgħu l-appell tagħna u għoġobhom jagħmlu donazzjoni lill-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani biex jgħinuna nkopru ftit l-ispejjeż u biex inkomplu mexjin 'il quddiem fuq dan il-proġett fejjiedi għall-anzjani tagħna:**
Is-Sur Anthony Said (Floriana) - €25.00
Is-Sur Emidio u s-Sinjura Louise Bezzina ( Msida) - €10.00
Is-Sinjura Concetta Cini Previ (San Gwann) - €25.00

**L-Editur**
Il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani jippubblika din ir-rivista "L-Anzjani Llum" kull 3 xhur. Din ir-rivista mill-anzjani għall-anzjani għandha ċirkolażżjoni ta' 2,500, titqassam ukoll lis-Segretarjat għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà u Anzjanità Attiva, il-Kunsilli Lokali kollha, Għaqdiet Affiljati mal-Kunsill, id-Djar tal-Anzjani kollha (tal-Gvern, tal-Privat u tal-Knisja), kif ukoll l-anzjani individwali li huma abbonati.
Din ir-rivista hija ta' interess u informazzjoni għall-anzjani fejn ninkuraġġuhom ikunu aktar attivi, fiżikament u mentalment.
Għaldaqstant napprezzaw ħafna li tagħtuna donazzjoni biex inġibulkom messaġġ promozzjonali f'din ir-rivista, biex dan l-iskop fejjiedi jkun jista' jitkompla.
Grazzi bil-quddiem

# SEDUTA PARLAMENTARI

***Aktar siltiet mid-diskorsi li saru waqt Seduta Parlamentari bit-tema 'Id-Drittijiet ta' u l-Abbuż fuq l-Anzjani' organizzata mill-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani nhar il-Ġimgħa, 30 ta' Settembru 2022 fil-bini tal-Parlament il-Belt Valletta***



Fit-tieni taqsima, **Abbużi Fiżiċi, Psikoloġiċi u Emozzjonali**, tkellem l-ewwel **Joe Gerada**, President, tal-Kumitat għall-Koeżjoni Soċjali tal-Kunsill tal-Ewropa. Il-kelliemi qal li, barra dik fiżika, hemm forom oħrajn ta' vjolenza li huma perpetrati għas-spejjeż tal-anzjani. Semma' l-abbużi psikoloġiċi, bħall-privazzjoni minn dak li l-bniedem għandu bżonn biex jgħix kuntent, kif ukoll l-abbandun ta' persuni, jiġifieri, li jkunu minsijin u esklużi minn dawk l-aktar qrib tagħhom jew mill-komunità li jgħixu fiha. Semma' l-esklużjoni ekonomika, meta niddiskriminaw magħhom fl-impjiegi; semma' l-manipulazzjoni finanzjarja, bħal meta, mingħajr ebda dritt, nagħmlu pussess ta' affarijiet li huma tagħhom; u semma wkoll il-vjolenża sesswali, bħal l-istupru.



Joe Gerada kompla jgħid li rridu nikkoreġu ċerti attitudnijiet żbaljati dwar l-anzjani bħal meta jittieħdu deċiżjonjiet, jew isiru proġetti, mingħajr ma nikkunsidraw il-ħtiġijiet tal-anzjani jew meta tintuża ċerta narrattiva nieqsa mir-rispett lejn l-anzjani, jekk mhux vjolenti wkoll, bħalma rajna fil-midja soċjali meta xi ħadd issuġġerixxa li jinbena ħajt madwar San Vincenz de Paul. Insibu wkoll każijiet ta' diskriminazzjoni fl-impjiegi meta jkun preferut dak kollu li hu żagħżugħ meta l-età mhijiex kriterju ġust li biha titkejjel il-ħila. Il-kelliemi semma' wkoll l-aċċess għas-servizzi, speċjalment fejn l-aċċess isir permezz tat-teknoloġija diġitali meta l-anzjani mhux bilfors ikunu abitwati ma' din it-teknoloġija.

Imbagħad, Joe Gerada tkellem iktar fit-tul dwar min jistgħu jkunu dawk li jikkommettu aggressjoni kontra l-anzjani; dwar id-drittijiet tal-anzjani; il-protezzjoni mill-vjolenza u l-abbuż; l-impjiegi għall-anzjani; l-ambjent residenzjali u istituzzjonali għall-anzjani; kif ukoll dwar ir-rwol tar-Regolatur.

Joe Gerada ikkonkluda d-diskors tiegħu billi saħaq fuq il-ħtieġa ta' konsultazzjoni reali. Il-prinċipju għandu jkun li qatt ma nagħmlu xi ħaġa mingħajr ma nisimgħu sew x'għandu xi jgħid min ser jintlaqat. L-anzjani la huma stupidi, la huma inkompetenti u lanqas huma bla esperjenza. Li hu żgur hu li, fejn jidħlu l-interessi tagħhom, ħadd ma jifhem daqshom. Tajjeb li nħarsu lejn l-anzjani bħala konsulenti li aqwa minnhom ma ssibx għax il-parir tagħhom jagħtuhulek mill-qalb, huwa frott tal-esperjenza u huwa b'xejn. L-anzjani mhumiex vulnerabbli intrinsikament. Huma n-nuqqasijiet fis-sistemi protettivi li jirrendu lill-anzjani vulnerabbli. Jeħtieġ, temm jgħid il-kelliem, li l-miżuri kollha neċessarji jittieħdu malajr kemm jista' jkun biex l-anzjani jkunu jistgħu igawdu ħajjithom kif ifassluha huma għalihom stess b'mod sħiħ u bi dritt.

Fuq esperjenza personali, tkellmet imbagħad **Mary Mangion**, Membru tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani. Hija qalet hekk: 'Jien bint ta' omm anzjana li, illum, għandha disgħa u disgħin sena u li qiegħda f'dar tal-anzjani. Qabel daħlet hemmhekk, applikajnilha ma' aġenzija lokali biex ikollha *carer* id-dar. Il-*carer*, Filippina, waslet imma, minflok kienet ta' għajnuna għal mamà, din imlitilha ħajjitha b'ħafna *stress*. Il-kultura ta' dawn in-nies mhix bħal tagħna. La kienet taf issajjar u lanqas tnaddaf. *Toilet brush* ma tafx x'inhu. Imnalla l-mamá kienet għadha tajba biżżejjed biex tieħu l-pilloli waħedha għax kieku mur ara x'diżastru!



Allura, il-mamá, mara ta' iktar minn disgħin sena, sabet ruħha f'pożizzjoni li hi tagħti l-lezzjonijiet tat-tisjir lill-*carer* u turiha kif għandha taħsel, eċċetra. Minkejja dan kollu, kienet saret ħaġa ta' kuljum li titlobha l-flus għax kienet tgħidilha li l-familja Filippina tagħha huma fil-bżonn. Meta konna mmorru naraw lill-mamà, kienet tkun dejjem anzjuża u baqgħet hekk sakemm keċċietha.

Allura, wara din l-esperjenza, jiena bilfors nistaqsi: Qabel dawn in-nies isibu mpjieg bħal dan f'pajjiżna, isirilhom xi tip ta' taħriġ, anki biex, forsi, jitgħallmu wkoll ċertu kliem bażiku fi lsienna, ħalli jkunu jistgħu jikkomunikaw aħjar?'

Wara Mary Mangion, għamel l-intervent tiegħu **Abraham Zammit**, mill-Assoċjazzjoni Maltija tal-Uffiċjali tal-Pulizija Rtirati li qal li, jekk, imqar għal jum wieħed biss fil-ħajja, anzjani jisfaw vittmi ta' xi abbuż jew isofru minn nuqqas ta' xi dritt li huwa tagħhom, dan jista' jikkawża konsegwenzi serji, kemm psikoloġiċi kif ukoll emozzjonali. Abraham Zammit kompla jgħid li huma, li, meta kienu fil-Korp tal-Pulizija, kienu responsabbli biex jaraw li dawn l-affarijiet ma jiġrux, iktar jifhmu l-gravità ta' abbużi u nuqqasijiet bħal dawn. Barra minn hekk, illum, li huma



rtirati, tgħallmu wkoll jaraw is-sitwazzjoni iktar mill-*punto di vista* taċ-ċittadin.

Minkejja avvanzi kbar f'dan il-qasam, kompla jgħid il-kelliemi, sfortunatament, għadhom jeżistu ċerti anomaliji fil-konfront ta' membri tal-Korp tal-Pulizija rtirati u awgura li dawn in-nuqqasijiet ikunu indirizzati mill-awtoritajiet kompetenti mingħajr dewmien bla ħtieġa.

Fl-aħħar nett, f'ismu u f'isem sħabu tal-Assoċjazzjoni Maltija tal-Uffiċjali tal-Pulizija Rtirati, Abraham Zammit awgura wkoll il-ġid u s-saħħa lill-anzjani kollha u dan mhux fil-Jum Internazzjonali tal-Anzjani biss imma matul il-jiem kollha tas-sena.

F'din it-taqsima tkellem ukoll b'mod l-iktar voċiferu **Philip Michael Chircop**, Fundatur tal-



Fondazzjoni Nanniet Malta, li beda biex għamel distinzjoni bejn in-nanniet u l-anzjani għax, kif qal hu, mhux in-nanniet kollha huma anzjani u mhux l-anzjani kollha huma nanniet. Is-Sur Chircop għamel referenza għal dak li qal Patri Dionisju Mintoff iktar kmieni waqt l-omelija tal-Quddiesa fis-sens li, lill-anzjani, mhux biżżejjed li nimlewlhom żaqqhom u nipprovdulhom il-pensjoni u l-benefiċji imma rridu wkoll nagħtuhom ħajja dinjituża u, f'dan il-qasam, sostna s-Sur Chircop, dejjem jibqa' x'jista' jsir. Bħala eżempju, staqsa, x'diffikultà jista' jkun hemm biex il-banek jipprovdu tinda (li ma tiswiex ħemel flus) ħalli l-anzjani li jkun hemm jistennew wara l-bieb tal-bank ikunu protetti mill-elementi tan-natura? U għaliex il-banek qed inaqqsu daqstant *branches* meta f'Malta hawn qrib il-mitt elf anzjani u nanniet li ħaqqhom kull rikonoxximent għas-sehem kbir li taw lill-ekonomija Maltija fl-imgħoddi? Dan qed ngħidu, kompla jgħid is-Sur Chircop, bl-iskop li joħroġ il-ġid minn suġġerimenti bħal dawn li qed isiru f'din is-seduta.

Hemm, imbagħad, liġijiet li mhux dejjem ikunu infurzati. Għaliex, pereżempju, għandek tkun għaddej għall-affari tiegħek minn fuq bankina u jgħaddi xi ħadd iħakkek miegħek b'kemm jimxi bl-iskuter, meta l-bankina, suppost li qegħda għall-użu tal-pubbliku li jkun miexi fit-triq? F'dan ir-rigward, sostna s-Sur Chircop, donnu li mhux ċar min hu responsabbli



għal dawn l-abbużi, jekk hux il-Pulizija jew *Transport Malta*. Anomaliji bħal dawn, qal il-kelliemi, jistgħu ikunu rimedjati, anki permezz ta' *Private Members' Bill* ħalli, b'hekk, l-anzjani u n-nanniet tagħna intuhom dak li jixirqilhom biex ikunu jistgħu ikomplu jgawdu ħajjithom fis-sliem u lin-neputijiet tagħhom fil-għożża.

Fit-tielet taqsima, **Abbuż Finanzjarju, Diġitali u Prokuri**, l-ewwel li tkellem kien **Kenneth Farrugia**, Chief Executive Officer tal-Bank of Valletta, li rringrazzja lill-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani talli tah l-opportunità biex jindirizza din il-Plenarja. Huwa qal li, għalkemm ma kellux diskors *per se* x'jagħmel, xorta waħda xtaq iqajjem għadd ta' punti li jirrigwardjaw l-anzjani li wieħed ta' min jaħseb fuqhom. Semma' l-evoluzzjoni bankarja u l-iżvilupp ta' *channels* diġitali u semma wkoll l-importanza tal-edukazzjoni u tal-informazzjoni biex nassistu lill-anzjani fil-ħtiġijiet tagħhom f'dan ir-rigward.

Għal dan il-għan, is-Sur Kenneth Farrugia ppropona li jitwaqqaf kumitat bejn il-Bank of Valletta, il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani u l-Ministeru responsabbli għall-anzjani bl-iskop li jitnieda programm edukattiv u informattiv immirat biex jassisti lill-anzjani. Is-Sur Farrugia temm l-intervent tiegħu billi qal li jkun ta' pjaċir għalih li jiltaqa' magħna fil-ġejjieni qarib għax hija x-xewqa tiegħu li nsegwu dawn il-ħsibijiet biex, b'mod effettiv, nindirizzaw il-ħtiġijiet tal-anzjani, kemm dawk immedjati kif ukoll dawk li jridu aktar żmien biex jimmaterjalizżaw

Kien imiss, imbagħad, li jitkellem **Godwin C. Micallef**, Membru tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani li beda biex fakkar li, f'Malta, kważi kwart tal-popolazzjoni tikkonsisti f'persuni anzjani. Il-kelliemi ta xi eżempji ta' abbużi finanzjarji fuq l-anzjani u kkwota statistika internazzjonali li turi min jistgħu jkunu dawk li jikkommettu abbużi fuq l-anzjani. Huwa xokkanti li, fl-Istati Uniti, madwar sittin fil-mija ta' dawk li jabbużaw mill-anzjani huma membri qrib tal-familja. Mill-banda l-oħra, ħafna drabi, il-vittmi jibqgħu lura milli jirrappurtaw abbużi bħal dawn minħabba l-biża' ta' konsegwenzi akbar, bħal rikatt u theddid.



Fid-djar tal-anzjani, ir-residenti huma iżolati mill-ħbieb u mill-familjari tagħhom u, għalhekk, huma aktar vulnerabbli għall-abbuż. Fl-istess ħin, dawk li jabbużaw minnhom jafu li dawn l-anzjani huma kważi dejjem waħedhom u li, xi wħud minnhom, ma jżurhom ħadd u, għaldaqstant, il-miri għall-abbuż huma aktar

faċli, speċjalment, meta jafu wkoll li ċ-ċans li jkunu rappurtati jew li jinqabdu huma remoti.

L-istrateġija globali u l-pjan ta' azzjoni tal-*World Health Organisation* dwar ix-xjuħija u s-saħħa jipprovdu pjan direzzjonali biex jiġi evitat l-abbuż fuq l-anzjani. L-istrateġija titlob azzjonijiet ewlenin fl-oqsma tas-sistemi tas-saħħa biex jiżguraw li l-anzjani jixjieħu b'mod sikur f'post li jafferma d-drittijiet bażiċi tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali tagħhom.

Is-Sur Micallef temm id-diskors tiegħu billi appella li ssir liġi speċifika f'Malta li tirrigwarda l-anzjani u l-prokura, xi ħaġa li l-kelliemi qal li għad m'għandniex.



Il-kelliem ta' wara kien **Publio Agius**, President tal-*Floriana Senior Citizens*, li beda d-diskors tiegħu billi qal li, kif jaf kulħadd, l-età medja tal-bniedem, kull ma jmur, dejjem qed tikber. Dan, fih inniffsu, hu ta' benefiċċju għas-soċjetà għax kull ħajja għandha l-valur tagħha. Imma, fil-prattika, staqsa l-kelliem, x'sens jagħmel li tgħix aktar jekk, fl-aħħar snin ta' ħajjtek, tispiċċa emarġinat u sajjem minn opportunitajiet li jimpeduk minn parteċipazzjoni sħiħa u komunikattiva meta l-aktar teħtieġhom?

Il-kelliemi semma għadd ta' lakuni fejn jidħlu l-anzjani li għad għandna f'pajjiżna u kif dawn jaffettwaw lill-anzjani nfushom u ħeġġeġ dwar il-ħtieġa li dawn il-lakuni jkunu indirizzati mill-iktar fis.

Il-*Floriana Senior Citizens*, kompla jgħid il-kelliem, ilha snin tisħaq dwar il-ħtieġa li kull anzjan u anzjana jkollhom is-servizz tal-*internet* b'xejn, jew sussidjat mill-Istat, bħala servizz soċjali.

Hu indispensabbli, żied jgħid is-Sur Agius, li l-awtorijitajiet responsabbli għall-għarfien tal-informatika u dawk tal-anzjani jikkunsidraw bis-serjetà li titwaqqaf aġenzija li l-missjoni tagħha tkun biex tferrex kemm tista' l-għarfien tal-użu diġitali u tħajjar aktar parteċipażżjoni fost l-anzjani. Hawnhekk is-Sur Agius semma l-introduzzjoni tal-użu tal-*cash card* u l-*ATM* mill-banek lokali u qal li dan ħasad lil dawk li, tradizzjonalment, kienu mdorrijin jagħmlu użu mill-kaxxier biex isarrfu l-pensjoni jew jagħmlu xi transazzjoni bankarja oħra. Dawn huma miżuri li jsiru b'intenzjonijiet tajbin imma li, fl-istess ħin, iġibu tbatijiet żejda u anzjetà fost bosta anzjani.

Publio Agius għalaq id-diskors tiegħu billi appella lill-awtoritajiet biex jagħtu aktar widen tas-suġġerminenti, ir-rakkomandazzjonijiet u l-proposti li saru f'din l-Assemblea Parlamentari għax dawn huma eku ta' tant weġgħat li l-għaqdiet iwasslu biex kull persuna, inklużi l-anzjani, ikollha d-dritt tgħix ħajja tassew parteċipattiva u b'dinjitá sal-aħħar nifs tagħha.

Wara Publio Agius, tkellem **Mark Cocker**, Kunsillier fil-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi, li nnota li, bis-saħħa ta' din il-Plenarja, tqajmu ħafna punti validi. Is-Sur Cocker qal li qed nitkellmu dwar l-abbuż fuq l-anzjani u, allura, huwa naturali li wieħed jistaqsi għaliex qed iseħħ dan il-fenomenu? Iseħħ, kompla jgħid il-kelliem, għax il-valuri tal-ħajja qegħdin jinbidlu u ħadd iktar minna l-anzjani ma jista' jgħid għaliex qed jiġri dan. Il-valuri qed jinbidlu, saħaq is-Sur Cocker, għax it-trobbija tat-tfal illum hija differenti minn kif trabbejna aħna.

Kif jaraha s-Sur Cocker, hemm żewġ kategoriji ta' anzjani; dawk li, meta kienu tfal, laħqu ż-żmien tat-Tieni Gwerra Dinjija u, allura, ma tantx kellhom ċans tajjeb biex jieħdu edukazzjoni suriet in-nies u anzjani oħrajn, speċjalment dawk tal-*baby-boom*, li twieldu wara l-Gwerra li, minkejja kollox, xorta waħda rnexxielhom jilħqu livell għoli ta' edukazzjoni. Dan ma jfissirx, qal il-kelliem, li l-anzjani b'livell iktar baxx ta' edukazzjoni huma għar-rimi. Dawn ukoll stinkaw u batew bis-sħiħ biex rabbew il-familji tagħhom u, saħansitra, tellgħu lil uliedhom irġiel u nisa kif għandu jkun.

Illum, ikkonkluda Mark Cocker, id-dinja qed tressaqna dejjem iktar lejn l-użu tat-teknoloġija moderna u dan, minnu nnifsu, jista' jwassal għal iktar opportunitajiet ta' abbuż. Naturalment, l-anzjani li huma l-aktar vulnerabbli għal dan it-tip ta' abbuż huma dawk l-inqas esposti għal din it-teknoloġija l-ġdida. Għaldaqstant, is-Sur Cocker ippropona li s-*Cyber Unit*, il-Ministeri tal-Edukazzjoni u dak responsabbli mill-Anzjani, il-Gvern u l-Oppożizzjoni, għandna lkoll naħdmu id f'id mal-Kummissarju Tal-Anzjani fi ħdan l-*MCESD* ħalli flimkien, kif jgħid il-Malti, inkunu nistgħu naqbdu l-barri minn qrunu.



Kien imiss issa lil **Maryanne Casha**, *Service Area Leader* tal-Aġenzija Appoġġ li tkellmet dwar l-abbużi finanzjarji u diġitali li jgħaddu minnhom l-anzjani imma mill-lenti tal-ħaddiema soċjali ta' *St Vincent de Paul*. Qalet li huma jaħdmu ma' għadd ta' residenti li jsofru minn dawn it-tipi ta' abbużi. Mhux l-ewwel darba li l-infermieri jindunaw b'dawn l-abbużi, anki għax l-anzjani stess ġieli jiftħu qalbhom magħhom. Għaldaqstant, huma għandhom sistema ta' *referral* biex ikunu salvagwardati l-anzjani, speċjalment dawk l-aktar vulnerabli.

Ħafna drabi, kompliet tgħid is-Sinjura Casha, l-abbuż finanzjarju jkun wieħed sottili u mhux faċli tinduna bih. Imma hemm sinjali li jindikaw li mhux kollox huwa sewwa. Huma ġieli anki jakkumpanjaw anzjani sal-bank biex iġibu *statement*. Fir-residenza jipprovdu servizz ta' *encashment* fejn l-anzjani jistgħu jżommu flushom f'post sigur mingħajr il-biża' li jittiħdulhom minn nies bla kuxjenza. Peró ġieli jsibu li l-anzjani ma jkunux iridu jagħmlu użu minn dan is-servizz, anki għax jemmnu li l-bank huwa post aktar sigur.

Il-ħaddiema soċjali ta' San Vinċenz ġieli jkollhom jagħmluha ta' medjaturi u jgħaddu kelma tajba bejn residenti u membri tal-familji tagħhom. Sfortunatament, ċerti anzjani jibqgħu lura milli jirrapurtaw abbużi għax jibżgħu mir-riperkussjonijiet, speċjalment mill-abbandun ta' qrabathom stess.

L-istess jista' jingħad għal każi ta' abbużi diġitali. Illum, ħafna anzjani, l-aktar dawk li għandhom problema ta' mobilità u/jew li jsofru mis-solitudni, iduru għall-mezzi soċjali li jservuhom ta' kumpanija. Madankollu, minħabba l-vulnerabilità tagħhom, faċli

jiġu ngannati minn nies mingħajr skrupli. Il-frodi jieħdu forma ta' solitudni li jwassal għal kuntatt ma' siti li jipprovdu kumpanija 'romantika' bi ħlas. Meta relazzjoni tidħol iktar fil-fond b'tali mod li l-anzjani involuti jsiru dipendenti fuqha, il-ħlas mitlub jiżdied anki wara wegħdiet foloz li r-relazzjoni tkompli tiżviluppa f'xi ħaġa iktar permanenti. Dawn huma sitwazzjonijiet reali li l-ħaddiema soċjali f'San Vinċenz spiss jiltaqgħu magħhom. Huma jagħmlu li jistgħu biex ifiehmu lill-anzjani li dawn huma frodi imma spiss isibu li l-anzjani nfushom jippreferu jibqgħu jemmnu l-ħolma u, allura, ma jkunx faċli toħroġhom minn dik in-nasba.

Is-Sinjura Casha qalet li hemm affarijiet li jistgħu jsiru biex nissalvagwardaw l-interessi tal-anzjani. Hija staqsiet dwar il-validità tal-prokuri, speċjalment dawk li saru ħafna snin qabel u xorta waħda jibqgħu jintużaw. Staqsiet ukoll jekk prokura għandhiex tibqa valida fejn jidħlu anzjani bid-*dimentia*.

Hija ssuġġeriet li jsiru iktar laqgħat ta' tagħrif siewi lill-anzjani f'San Vinċenz biex nagħmluhom aktar konxji ta' dak li jista' jiġrilhom u fejn jistgħu jsibu l-għajnuna.

Anki *ATM's* f'San Vinċenz stess jgħinu lill-anzjani jkunu aktar indipendenti fejn jidħol il-ġbid ta' flushom mill-bank.

Fl-aħħar nett, temmet tgħid is-Sinjura Casha, ħaddiema soċjali li jakkumpanjaw anzjani li jkollhom bżonn imorru l-bank għandhom jingħataw prijorità u mhux jitħallew jistennew fil-kju għal ħinijiet twal.



Taħt ir-raba u l-aħħar taqsima, jiġifieri, **Salvagwardja u Sigurtà; it-Triq 'il Quddiem**, tkellem **Dr. Christian Borg Xuereb**, Kap tad-Dipartiment tal-Ġerentoloġija u Studji fid-Dimentia tal-Università ta' Malta. Huwa qal li ż-żieda fl-anzjanità hija waħda mil-ikbar suċċessi tal-umanità imma hija wkoll waħda mill-ikbar sfidi għax iġġib magħha żieda fil-ħtiġijiet soċjali u ekonomiċi. Għaldaqstant, huwa imperattiv li niffukaw fuq is-salvagwardja tal-anzjani, speċjalment dawk vulnerabbli.

Fil-*Care Act* tal-2014, il-Gvern Ingliż fassal sitt prinċipji li jikkonċernaw il-kunċett ta' salvagwardja. L-ewwel prinċipju jesiġi li, kemm jista' jkun, is-setgħa tad-deċiżjonijiet għandha tkun f'idejn l-anzjani nfushom.

It-tieni prinċipju huwa li l-prevenzjoni hija kritika u trid issir malajr kemm jista' jkun.

It-tielet prinċipju huwa li, possibbilment, l-interventi li jsiru għandhom ikunu proporzjonati, approprjati u mill-inqas intrussivi.

Ir-raba' prinċipju jenfasizza li l-protezzjoni offruta għandha ssir bl-aħjar mod għal-persuna vulnerabbli.

Il-ħames prinċipju jirrigwarda l-importanza tas-sħubija u l-kollaborazzjoni flimkien biex ngħinu l-anzjani vulnerabbli.

Is-sitt prinċipju jitkellem dwar l-għarfien tar-responsabbiltà li kulħadd għandu jġorr.

Dr. Borg Xuereb ikkonkluda d-diskors tiegħu billi qal li, fejn hemm potenzjal ta' abbuż, huwa essenzjali li tittieħed azzjoni korrettiva immedjata biex l-anzjani ma jitpoġġewx f'sitwazzjonijiet ta' periklu. Huwa importanti li jiżdiedu t-tagħlim, it-taħriġ u r-riċerka biex jikber l-għarfien dwar is-sinjali ta' abbuż fuq l-anzjani għax kulħadd għandu jkollu l-opportunità li jesperjenza anzjanità integrata u dinjituża.

Warajh, għamel l-intervent tiegħu **Dr. Anthony Degiovanni**, Membru tal-KNA, President tal-Veterani Laburisti u Viċi President tal-*AGE Platform, Europe*. Huwa qal li pajjiżna huwa ħanin mal-anzjani imma mhux neċessarjament ġust. L-abbuż iseħħ meta jinkiser xi dritt. Għaldaqstant, nistgħu nipprevenu l-abbuż billi niddefenixxu x'inhuma d-drittijiet. Dan hu dak li nifhmu meta nirreferu għal *rights' based approach*, li tkellem dwaru s-Segretarju Ġenerali tal-*AGE Platform*. Meta nitkellmu dwar salvagwardi u sigurtà, żied jgħid il-kelliem, inkunu qed nirriflettu fuq il-qafas legali u l-miżuri ta' protezzjoni li jipprovdi.



Biex nimxu 'l quddiem, jeħtieġ inħarsu b'għajn kritika li twassalna għal proċess ta' ***ageing mainstreaming***, jiġifieri, integrazzjoni tal-faxex kollha tas-soċjetà, inkluż l-anzjani, fil-qafas leġislattiv tal-pajjiż u fl-implimentazzjoni tiegħu b'miżuri konkreti.

Il-Kostituzzjoni tagħna ma tagħrafx l-età bħala fattur ta' diskriminazzjoni u dan wieħed jifhmu għax lanqas l-istrumenti tad-drittjiet universali tal-bniedem li, fuqhom, huma msejsin dawn il-prinċipji kostituzzjonali ma jagħmlu dan direttament. B'sodisfazzjon ninnutaw li l-abbozz ta' liġi dwar l-Ugwaljanza li jinsab quddiem il-Parlament għall-ewwel darba, jinkludi l-element tal-età bħala fattur ta' diskriminazzjoni. Id-diskriminazzjoni bl-età diġà hija rikonoxxuta fil-Karta tal-Unjoni Ewropea tad-Dritiijiet tal-Bniedem. Effettivament, ftit kien hemm każi ta' diskriminazzjoni fuq bazi ta' età fil-Qrati Internazzjonali u din tqum l-aktar f'każi ta' mpjieg.

Ir-riċerka turi li l-*ageism* huwa fenomenu mifrux anki f'pajjiżna. Dan il-preġudizzju u sterjotipar tal-anzjani jieħu diversi forom u jseħħ anki bla ma nindunaw jew bil-ħsieb li nipprovdu l-protezzjoni lill-anzjani imma, fl-istess waqt, inkunu qed nipproġettaw fost il-poplu attitudni patronizzanti li tippromwovi l-*ageism*.

Minkejja dan, ebda leġislazzjoni lokali u internazzjonali ma tindirizza l-fenomenu tal-*ageism* bħalma tagħmel fil-kaz tar-razziżmu u s-sessiżmu. Għalkemm, xi leġislazzjoni domestika, bħal dik dwar il-Kustodja, tippreskrivi r-rispett tal-awtonomija tal-anzjani, jeħtieġ ferm aktar xogħol biex dawn is-salvagwardi jkunu tassew effettivi. F'dan il-kuntest, il-kelliem awgura li titnieda leġislazzjoni aktar komprensiva li tissalvagwardja kif jixraq id-drittijiet tal-anzjani.

Meta Malta sabet postha fil-kommunità internazzjonali, temm jgħid Dr. Degiovanni, kienet pijuniera billi ġabet l-anzjanità għall-attenzjoni tal-pajjiżi l-oħrajn; inizzjattiva li xprunat il-bidu ta' proċess li wassal għal Pjan Internazzjonali dwar l-Anzjanità fin-Nazzjonijiet Magħquda.

# Carlo Diacono, 1876-1942
# Il-kompożitur Żejtuni
# li forna ħafna parroċċi Maltin bil-mużika tal-festi

***Kitba ta' Peter Paul Ciantar***



Ġunju huwa x-xahar li jdaħħalna sew fl-istaġun tal-festi tradizzjonali Maltin. F'dan ix-xahar, isiru diversi festi fl-irħula tagħna, fosthom, dik ta' San Filep, Ħaż Żebbuġ u ta' Santa Katerina, fiż-Żejtun. Qed ngħid dan biex nidħol għas-suġġett tal-kitba tiegħi; is-Surmast Carlo Diacono. Għal dawn iż-żewġ parroċċi antiki, u anki għal parroċċi oħrajn, Carlo Diacono ma jmut qatt għax ħallielhom antifoni u mużika oħra tal-festa tassew mill-isbaħ; mużika li tidħol fil-qlub.
Carlo Diacono forna lil diversi festi Maltin bir-repertorju mużikali tiegħu. Dan huwa importanti għax, kif nafu, fl-ibliet u fl-irħula tagħna, fil-jiem tal-festa, il-mużika tal-knisja hija ingredjent ewlieni li jsawwar u jdaħħal lill-popolin fi spirtu tabilħaqq festiv; spirtu li jikkaratterizza lill-poplu tagħna b'ħeġġa kbira għall-festi parrokkjali Maltin taħt it-titlu tal-qaddis jew qaddisa patruni tagħhom.
Ngħidilkom mill-esperjenza tiegħi li, xħin jisma' l-ewwel erba' battuti tal-antifona, *In Sepulchrum*, li Diacono kkompona għall-Festa ta' San Filep, kull Żebbuġi jimtela b'emozzjoni festiva u jħoss l-element nostalġiku magħġun mal-imħabba kbira lejn il-qaddis t'Aġġira. Għall-Festa ta' San Filep, is-Surmast Diacono kkompona repertorju sħiħ; żewġ antifoni, waħda tat-tridijiet, *In Sepulchrum* u l-oħra għal lejlet u nhar il-festa, *Hodie Philippus*. Kiteb ukoll il-mużika kollha għall-jiem tat-tridu, mużika għat- Transulazzjoni u għal nhar il-festa. U, naturalment, bħalma għamel għal Ħaż Żebbuġ, Diacono għamel l-istess għall-irħula l-oħrajn fejn hu kien *Meastro di Cappella*, fosthom, għal raħal twelidu.
Carlo Diacono twieled iż-Żejtun fl-1876. Ma' missieru, Orazio, li kien il-fundatur tal-Banda Beland taż-Żejtun, iċ-ċkejken Carlo beda l-ewwel taħriġ mużikali tiegħu. Studja wkoll ma' Paolino Vassallo, kompożitur Malti ieħor li jisthoqqlu ħafna u ħafna aktar ġieħ mużikali f'pajjiżna. Diacono kien jgħin ħafna mużikalment lil Vassallo, speċjalment fl-opra tiegħu, *Frazi*r tal-1904, li kienet anki dehret fit-Teatru Rjal. Infatti, Paolino Vassallo stqarr: "Li kieku ma kienx għall-ħidma kbira ta' Diacono, l-opra tiegħi, *Frazir*, ma kinitx issir."
Carlo Diacono ħareġ idoqq il-kwartin mal-Banda Beland fl-età ta' għaxar snin. L-okkażjoni kienet il-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira ġewwa ż-Żejtun. Għall-Banda Beland, Diacono kkompona diversi xogħlijiet, fosthom, innu grandjuż f'ġieħ Santa Katerina, Patruna taż-Żejtun, li Diacono kitbu wkoll ta' età żgħira. Dan l-innu għadu jindaqq sal-ġurnata tal-lum.
L-ewwel impenn importanti fil-karriera mużikali ta' Carlo Diacono kien meta kellu tlieta u għoxrin sena. Ta' dik l-età, inħatar l-organista tal-knisja prinċipali taż-Żejtun, il-knisja fejn kien tgħammed. Fl-1923, meta miet Paolino Vassallo, Carlo Diacono laħaq *Maestro di Cappella* tal-Katidral minfloku. Għal din il-kariga, kien hemm l-approvazzjoni sħiħa tal-Isqof Mauro Caruana li tant ried lis-Surmast Diacono li, saħansitra, ħatru mingħajr tnedija ta' konkors.
Carlo Diacono kien ukoll *Maestro di Cappella* tal-Isla, taż-Żejtun, tal-Birgu, ta' Bormla, ta' Ħaż-Żebbuġ u ta' bosta parroċċi oħrajn. Barra minn dawn, ta' tlieta u għoxrin sena, kien ukoll Surmast tal-Banda Beland taż-Żejtun u, aktar tard, inħatar ukoll Surmast tal-Banda San Ġorġ ta' Bormla.
Jekk wieħed jara l-lista sabiħa ta' xogħlijiet mużikali li ħarġu mill-pinna ta' Carlo Diacono, insibu ħamsa u erbgħin quddiesa. Jingħad li, meta xi saċerdot ġdid kien ikollu l-ewwel quddiesa tiegħu, Diacono kien jiktiblu quddiesa għall-okkażjoni. Hekk għamel għall-ewwel quddiesa tal-Monsinjur Salv Grima, is-saċerdot li bena d-Dar tal-Kleru. Anki din il-quddiesa għadha tiġi esegwita sal-ġurnata tal-lum.
Il-pinna mużikali ta' Diacono kienet ħafifa; kien jikkomponi melodiji sbieħ u sempliċi xħin u meta jrid. Ħafna mix-xogħlijiet mużikali tiegħu kien jiktibhom fid-dar tal-villeġġjatura tiegħu, f'Marsaxlokk. Il-ħemda tal-madwar, il-baħar u l-orgni żgħir f'kamartu kienu jispirawh fil-kompożizzjonijiet mużikali tiegħu.
Minbarra quddies, Carlo Diacono kkompona wkoll għadd sabiħ ta' *Requiem*, *Stabat Mater*, tliet oratorji u għadd ġmielu ta' antifoni li, ħafna minnhom, għadhom popolari sal-lum stess.
Tistgħu tobsru xi jħossu l-Bormliżi fil-Festa tal-Kunċizzjoni xħin jisimgħu l-antifona *Hodie Egressa Est Virgo* jew il-Pawlini Rabtin meta jisimgħu is-*Sancte Paule Apostele* jew il-Birgin bil-*Levita Laurentius* jew inkella s-Sengleani bil-*Gloriosae Virginis Mariae*. Insomma, l-antifoni ta' Carlo Diacono għadhom popolari ħafna u għadhom parti integrali tal-entużjażmu tal-festa.
Carlo Diacono kien prolifiku. Ikkompona wkoll innijiet, salmi u xogħlijiet orkestrali oħrajn. Imma, mingħajr dubju ta' xejn, wieħed mill-aħjar xogħlijiet mużikali tiegħu huwa l-opra, *L'Alpino* tal-1918, li ttellgħet fit-Teatru Rjal diversi drabi u kellha suċċess tant li ġew organizzati żewġ serati tal-unur li, fihom, Carlo Diacono ngħata diversi rigali. Kemm nixtieq li, għall-inqas, din l-opra ssir verżjoni kunċertwali tagħha u tinstema' fis-swali tal-kunċerti tagħna! Żgur li tkun attrazzjoni kbira għax, lil Carlo Diacono, in-nies għadha thobbu.
Carlo Diacono miet tmenin sena ilu ġewwa Ħal Lija, fl-eqqel tat-Tieni Gwerra Dinjija, nhar il-15 ta' Ġunju tal-1942, meta kien għad kellu sitta u sittin sena.

# The reunion

### *A short story by Liz Bajada*



It was a Monday morning. But this was no ordinary Monday. It was a very special day for Sandra as, on that day, she was going to meet a person who had been haunting her since she was ten years old. Up to that age, Sandra had always believed that Carmen and John were her loving and caring parents. She knew that they treasured her and that they made sure that she lacked for nothing. She loved them both but was closest to Carmen who loved to fondle and cuddle her while showering her with kisses. It was on a Sunday morning, eighteen years before, when Carmen took her on her lap and, together with John, explained to her that, when the doctors had told them that they could not have any children of their own, they decided to go for adoption. That was how Sandra had entered their lives as a month-old, very tiny baby.

Sandra was very much taken aback by this piece of news and, much as Carmen tried to explain to her that this did not change anything for the three of them, somehow, she could not easily dismiss that terrible question that seemed to haunt her day and night: "Then, who is my biological mother? And why did she give me up? Is it possible that she did not love me; even one little bit?"

Sandra grew up to be a lovely girl. In her late teens, when she met Mike, the love of her life, she made every effort to put aside these nagging thoughts. With the arrival of Andrew, the first child, now aged six, and Maria, two years later, Sandra's life was full to the brim, both with the house and her family whom she adored above everything else. Yet, somehow, when she looked at her kids, she could not help feeling that it was very unnatural for a mother not to love her own child; no matter what.

Then, one bright and sunny morning, she received a letter which turned her life upside down. Like every other day, she had taken her children to school, did her shopping and went home to start her daily chores. On opening the door, she noticed a letter poking out of the letterbox. This was addressed to her from the Social Services Department requesting her to call at their office the following Wednesday at 09.00 hrs as they needed to speak to her. The letter intrigued her very much as, normally, such correspondence was addressed to her husband. On Mike's return from work, she showed him the letter and asked him to accompany her for the meeting.

Wednesday morning saw Sandra and Mike at the Social Services. After the preliminary introduction, Mr Cassar, the welfare officer, told her that the Department had been contacted by a renowned UK organisation that specialised in tracing family members. As the UK organisation was authorised to access personalised records held in other countries, they had matched Sandra's DNA with that of a woman who claimed to be her natural mother. Sandra had expected to hear anything from the welfare officer but certainly not this piece of news. She told the officer that she needed some time to think it over and would inform him of her decision. Mr Cassar was very sympathetic and told her that he fully understood the situation and that she must take all the time she needed.

On leaving the Social Security office, Sandra, together with Mike, went straight to Carmen and John's house where she imparted the surprising news. Her adoptive parents, who knew how badly their girl wanted to find out about her real mother, encouraged her to go ahead. After all, they all knew that this would not change their feelings towards her and wished that she could close this chapter once and for all. The following day, Sandra informed Mr Cassar of her decision.

In due course, when Mr Cassar phoned and told her that the UK organisation was seeking her permission to set up a meeting with her natural mother, Sandra, who, in the meantime, had time to digest the news, accepted.

That special day was a Monday and Sandra had mixed feelings of excitement and trepidation. What would her mother look like? What explanation would she give? Would she accept her after all these years? How would she feel towards this person whom she had never met? Mike tried to calm her down as he drove her to the agreed *rendezvous*.

On entering the room where they had to meet, Sandra looked across to where her mother stood and, somehow, felt that they had known each other for years. They both ran across the room and hugged each other very tightly. Shedding tears of joy, they walked slowly to a sofa and sat down still holding each other's hands.

It was here that Anne explained to Sandra that, at the age of sixteen, she had fallen in love with a young boy who, after getting her pregnant, migrated to Australia as he did not feel he could handle the responsibility of a child. Anne's parents could not accept the fact that their daughter was having a child out of wedlock. They insisted that she should give up her baby for adoption as soon as it was born.

Anne had felt very bad about this and, once she was of age, she went to live in the England. There, she tried to make a life for herself and worked solid. It was not easy but, finally, she met with a kind and gentle man, years older than herself. He was quite well-to-do and, after meeting for a couple of months, he proposed to her and they got married. Unfortunately, Anne did not have any children from her marriage. But she had never forgotten the little girl she was forced to give away many years ago. Never a day went by when she did not think of her little daughter and always wondered what had become of her. One day, she heard of this organisation which she contacted and made a request for a search on her behalf.

Both women found lots to catch up on and, finally, Sandra invited Anne to her house to meet her husband, Mike, her adoptive parents, Carmen and John, as well as her two adorable children, Andrew and Maria. Anne was thrilled to learn that she was a Granny. She realised that, although she never had the opportunity to be a proper mother, now, after all, she could make up for all that lost time; not only with her child but also with her two wonderful grandchildren.

Sandra's love and gratitude for Carmen and John did not diminish in any way but the knowledge that her biological mother had never forgotten her but kept looking up for her for all those years, made this reunion a very special and an unforgettable one.

# Dar 'Mirador'

*Storja ta' Anthony Said mill-Furjana*



Il-Perit Buttigieg kien tassew bniedem mingħajr skrupli. Meta tarah għall-ewwel darba, taħsbu xi bniedem serju u tal-affari tiegħu; dejjem jiġri bil-*briefcase*, liebes pulit, bil-*business suit*, qmis u ingravata. Kollox pulit kellu, minbarra l-karattru. F'xogħlu kien espert imma, għall-flus, kien lest li jagħmel minn kollox, anki jekk b'riskju kbir għall-karriera professjonali tiegħu.

"Mela ser taqdina fuq Dar 'Mirador', hux hekk, Perit?" kien qed jgħidlu s-Sur Falzon, Direttur tal-Kumpanija Falzon & Falzon Brothers Group. "Ifhimni ta; jien mhux qed ngħidlek biex tagħmel rapport falz. Imma, taf int; rapport professjonali biżżejjed li juri kif m'hemm ebda raġuni valida li tiġġustifika li dik id-dar tiġi skedata. Kif, fil-fatt hu, wara kollox! Imbagħad, ngħiduha kif inhi; għoxrin elf ewro għal sempliċi rapport mhux ta' min itihom bis-sieq! Qed tifhimni?"

"Dażgur li qed nifhmek," wieġbu l-Perit. "Biex tiġi restawrata, dik id-dar trid balla flus biex, imbagħad, mhux żgur jirnexxilek iġġib prezzha filwaqt li, jekk titwaqqa u, flokha, ittella' blokk appartamenti, jiġu jiswew xi kwart ta' miljun-il wieħed," kompla jispjegalu l-Perit biex jurih li ħadd ma kien qed jidħaq b'ħadd.

"Naħseb li qed niftiehmu mela!" reġa' d-Direttur. "Allura kif ser nagħmlu?"

"Issa tini ċ-ċavetta, għada filgħodu mmur naraha bil-kwiet, nieħu n-notamenti li neħtieġ, imbagħad wara, ħalli f'idejja biex nagħmel rapport kif naf jien!" irrispondieh il-Perit li kien dara f'dawn il-bawxati.

Li ma kinux jafu, la l-Perit Buttiġieġ u lanqas id-Direttur Falzon, hu li, fejn kienu qed jieħdu kafè bil-kwiet u jitħaddtu, mingħalihom, ras ma' ras, kien hemm min kien qed jismagħhom.

Dakinhar filgħaxija, il-Perit Buttiġieġ għaddieh jistudja l-pjanti ta' Dar 'Mirador' u jifli r-ritratti li ħadet l-Awtorità għall-Konservazzjoni tal-Wirt Arkitettoniku Nazzjonali. Imbagħad, l-għada filgħodu, mar jaraha. Dari, din il-binja kienet id-dar tal-familja u d-dixxendenti tan-Nobbli Konti Alfonzo de Mirador. Fiż-żmien, Dar 'Mirador' kienet sabiħa imma, wara snin twal ta' telqa u abbandun minħabba ġlied bejn il-werrieta u kustjonijiet legali ma jispiċċaw qatt fil-qrati, id-dar spiċċat mitluqa u żdingata għall-aħħar. Il-ħsara li kellha kienet waħda kbira u dan kollu kien jagħmilha aktar faċli għall-Perit Buttiġieġ biex jaqdi lil Falzon Group u jdaħħal kemxa ġmielha.

Malli fetaħ il-bieb, riħa qawwija ta' għeluq, moffa u umdità daħlitlu f'imnifsejh. Il-Perit qarras wiċċu u, kemm għax beża' minn xi ġurdien li jista' jiġi jħakkek ma' saqajh kif ukoll biex tgħaddi daqsxejn arja u toħroġ ir-riħa, iddeċieda li jħalli l-bieb miftuħ. Imbagħad, beda jdur il-kmamar, josserva u jieħu n-noti. Intrata bil-kolonni u bi tpinġija fis-saqaf, mitfija biż-żmien. Madum antik kullimkien. Kmamar vojta u jirbumbjaw. Dak kollu li kien ta' siwi kien ilu li tneħħa u ttieħed. L-imbarazz li kien għad fadal ma kien tajjeb għalxejn iżjed ħlief għar-rimi.

F'ħin minnhom, ħass xi ħaġa taħbat ma' rasu, sema' ħoss u ra ġebla tkarwat mal-art ftit 'il bogħod minnu. Il-Perit Buttiġieġ inħasad u iktar kompla jiskanta meta sema' lil xi ħadd isejjaħlu.

"X'int tagħmel hawn Perit?" staqsa leħen li dewa mad-dar kollha qisu kien ġej minn xi abbiss. "Għaliex trid tikkundannani?"

Il-Perit beda jħares 'l hawn u 'l hinn biex jara jilmaħx lil xi ħadd imma, sa fejn kien jaf hu, f'dik id-dar waħdu kien. "Int ... int ... min int? ... u ... fejn qiegħed?" beda jlaqlaq miblugħ u għadu ma jridx jemmen dak li kien qed jisma'. "Int ... kif taf min jien?"

"Jien l-ispirtu li nħuf ġo din id-dar!" wieġeb il-leħen b'ton mill-iktar solenni. "Nafek sew u naf ukoll li int qed tgħin lil dawk li jridu jeqirduni. Int kattiv u qarrieqi u, tal-qerq tiegħek, se jkollok tħallas qares!"

Il-Perit iktar tħawwad imma, għal mument, sab il-kuraġġ biex jipprova jiġġustifika ruħu. "X'qerq hu?" għajjat fil-vojt. "Jien raġel serju u ma nqarraq b'ħadd!" kompla jgħid il-Perit li hu stess ma setax jifhem kif kien qed jitkellem ma' xi ħadd li ma kienx qed jarah. Hu qatt ma kien jemmen fl-ispirti, fl-iħirsa u fil-fatati imm' issa ma baqax daqstant ċert. Dan kien jidher li jafu sewwa! U, fuqu, kien jaf affarijiet li, suppost, kienu kunfidenzjali!

"Giddieb u korrott!" qallu l-leħen bir-rabja. "Int ser tagħmel rapport falz biex teqridni. U dan kollu għal miżerja ta' għoxrin elf ewro! Kemm ser jiddispjaċik Perit! Jaqbillek tindem minn dnubietek qabel ma jkun tard wisq!" Kif qal hekk, il-bieb ingħalaq waħdu b'tisbita li twaħħax. "Qed tara kemm hu kbir il-ħażen tiegħek, Perit?" kompla jgħidlu l-leħen. "Jekk mhux ser tindem minn dnubietek," reġa' qallu, "ser naqfel il-bibien kollha u jkollok tgħaddi l-lejl miegħi hawn ġew! Xi tgħid eh?"

"Iva ... iva ... għandek raġun! Sew ... qed tgħid! ... Jien raġel ħażin!" temtem il-Perit Buttiġieġ li, issa, tant kien imwerwer u ddisprat li l-uniku ħsieb tiegħu kien biex jara kif ser jagħmel biex joħroġ minn dik id-dar qawwi u sħiħ.

"Ja mbruljun li int!" akkużah il-leħen. "Mhux billi ammettejt! Issa trid tpatti. Trid tinżel għarkupptejk u titlob maħfra! Inkella ser nibqa' nippersegwitak għomrok kollu!"

Il-Perit Buttiġieġ għamel kif għamarlu l-leħen u, jibki kemm jiflaħ, beda jitlob bil-ħrara biex dak l-ispirtu jkollu ħniena minnu u jaħfirlu. Wara li għamel hekk, il-bieb reġa' nfetaħ waħdu u l-Perit Buttiġieġ tant kien beżgħan li ħareġ jiġri b'kemm kien għad fadallu saħħa, ġibed il-bieb warajh u baqa' sejjer dritt lejn fejn kien ħalla l-karozza mingħajr lanqas biss waqaf biex isakkar il-bieb biċ-ċavetta.

Ftit minuti wara, il-bieb ta' dik id-dar, għall-ewwel tbexxaq kemm kemm imbagħad infetaħ u, minn hemm, ħarġu żewġt irġiel mgħoxxijin bid-daħq. "Illaħwa kif werwirtu!" kien qed jgħid wieħed minnhom.

"Min jaf x'rapport ser jagħmel wara din l-esperjenza!"

"Ibqa' ċert," qallu l-ieħor, "li, bil-qatgħa li tajnieh, mhux ser jagħmel ir-rapport li kellu f'rasu, żgur!"

"Mel' addio l-għoxrin elf ewro!" reġa' tal-ewwel.

"Ħaqqu iktar minn hekk," lissen sieħbu, "għax korrott daqsu m'hawnx. Dak nafu jien! Kont ilni biex inpattihielu, fuq il-biċċa li għamlilna bid-dar t'ommi. Ġabhielna, kważi kważi, ma tiswa xejn u kellna nitilquha minn idejna bi prezz verament redikolu!"

Illum għaddew is-snin minn din il-ġrajja u Dar 'Mirador' kienet ġiet skedata u restawrata għall-istat glorjuż oriġinali tagħha, bħalma kienet fi żmien in-Nobbli Konti Alfonzo de Mirador. Mill-banda l-oħra, il-Perit Buttiġieġ qed jiskonta sentenza ta' seba' snin priġunerija għax, sa fl-aħħar, l-id twila tal-ġustizzja laħqitu wara li nqabad jabbuża mill-professjoni tiegħu biex jgħin spekulaturi bla kuxjenza jagħmlu li jridu, basta jkomplu jħaxxnu bwiethom.



# APPREZZAMENT
## Silvio Parnis 1965 - 2023

Nhar it-Tlieta, 3 ta' Jannar 2023, tħabbret il-mewt tas-Sur Silvio Parnis, eks-Segretarju Parlamentari għall-Anzjanità Attiva u Persuni b'Diżabilità. Huwa kellu sebgħa u ħamsin sena. Is-Sur Parnis twieled ir-Raħal Ġdid fl-1965. Beda l-karriera politika tiegħu bħala preżentatur tat-televiżjoni u tar-radju fejn kien imexxi programmi ta' natura soċjali u ġrajjiet kurrenti. Fl-1994, is-Sur Parnis serva bħala s-Sindku tal-Kunsill Lokali ta' Raħal Ġdid, fejn dam sas-sena 1998, meta kien elett bħala Deputat Parlamentari f'isem il-Partit Laburista.

Meta l-Partit Laburista kien fl-Oppożizzjoni, Silvio Parnis kien il-kelliem ewlieni tal-Partit għall-anzjani u, fis-snin bejn l-2003 sal-2008, flimkien ma' tim ta' esperti, huwa ħejja dokument dwar il-pożizzjoni tal-Partit Laburista għal dan is-settur. Bejn is-sena 2008 u s-sena 2013, imbagħad, Silvio Parnis kien anki kelliem ewlieni tal-Oppożizzjoni Laburista għal dak li hu l-ħarsien tal-konsumatur kif ukoll kelliem tal-Partit Laburista għall-iżvilupp sostenibbli tan-Nofsinhar ta' Malta. Fl-2017, Silvio Parnis kien maħtur Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali u Komunitajiet filwaqt li, fis-sena 2020, huwa serva bħala s-Segretarju Parlamentari għall-Anzjanità attiva u Persuni b'Disabilità.

Kif inhu xieraq, il-Parlament Malti sellem il-memorja tas-Sur Silvio Parnis bħala politiku eżemplari li, matul karriera pjuttost qasira, wettaq ħidma kbira fil-qasam soċjali. Membri miż-żewġ naħat tal-Kamra taw ġieħ lil Silvio Parnis u ddeskrivewh bħala bniedem li dejjem uża l-politika biex jaqdi l-missjoni li tant kien jemmen fiha. Kien politiku verament qrib in-nies u, b'mod speċjali, qrib tagħna l-anzjani. Imma kien politiku dispost li jgħin lil kulħadd, irrispettivament mill-kulur politiku tal-persuna u, sal-aħħar nifs ta' ħajtu, baqa' jinkwieta fuq nies li kien jaf li kellhom xi problema. Silvio Parnis kien bniedem ġentlom u politiku ġenwin. Kien tassew jemmen fil-hidma b'risq il-batut, il-vulnerabbli u ż-żgħir u l-poter qatt ma ħallieh jitlagħlu għal rasu.

Il-President, flimkien mal-Membri kollha tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani, jagħtu l-kondoljanzi sinċieri tagħhom lil martu, Dorianne, lil ibnu Jacob, lil ommu, lil ħutu u lill-qraba tiegħu kollha f'dan il-mument ta' niket u jitolbu liIl-Mulej jagħtih il-mistrieħ ta' dejjem li tassew jistħoqlu.

# L-anzjani fid-Dokument *Christus vivit*

***Kitba ta' Patri Mario Attard OFM Cap***




M'ilux, ġiet f'idejja l-eżortazzjoni tassew interessanti li ħarġet wara s-sinodu li kien sar Ruma bejn it-3 u t-28 t'Ottubru, 2018 dwar iż-żgħażagħ, il-fidi u d-dixxerniment vokazzjonali. L-eżortazzjoni post-sinodali ngħatat l-isem sabiħ ta' *Christus Vivit*, jiġifieri, Kristu ħaj. Meta qrajtha, staqsejt lili nnifsi din il-mistoqsija: "X'inhu l-irwol tal-anzjani fil-ħajja taż-żgħażagħ?"

B'dawn il-ħsibijiet li l-Mulej qed jagħtini biex naqsamhom magħkom, ma nqisx li se jirnexxieli neżawrixxi argument daqshekk interessanti u profond. Però, xi ħsibijiet jistgħu jgħinuna nifhmu aħjar kif naraw lilna nfusna fir-relazzjonijiet tagħna mad-dinja żagħżugħa u x'nistgħu noffru lil dawn ħutna ħalli jissuktaw jikbru b'mod b'saħħtu u li jagħmel ġid kemm lilhom kif ukoll lil ta' madwarhom.

F'din l-eżortazzjoni, Papa Franġisku ħeġġeġ liż-żgħażagħ biex jaraw ir-relazzjonijiet tagħhom mal-anzjani. L-ewwel ħaġa li rrimarka l-Papa dwar iż-żgħażagħ hi li, xi drabi, ftit jagħtu attenzjoni għall-memorja tal-passat li minnu ġejjin, b'mod partikulari tal-ħafna doni mgħoddija lilhom mill-ġenituri, minn nanniet u mill-bagalja kulturali tas-soċjetà li jgħixu fiha. Hawnhekk, il-Papa dar fuqna l-anzjani u, b'qalb ta' anzjan bħalna, qalilna: "Meta ngħinu liż-żgħażagħ jiskopru l-għana ħaj tal-imgħoddi, jagħmlu memorja tiegħu u jinqdew bih tajjeb għall-għażliet u l-possibilitajiet tagħhom, dan ikun tassew għemil ta' mħabba lejhom fid-dawl tal-iżvilupp tagħhom u tal-għażliet li huma msejħin biex jagħmlu."

Allura nistaqsi, jien, bħala anzjan mimli bl-esperjenzi tal-ħajja, kemm qed ngħin liż-żgħażagħ jiskopru l-għana kollu ħaj tal-imgħoddi? Kemm qed nirrakkontalhom dak li għaddejt minnu jien? U kemm qed inħajjarhom jisimgħuni u mhux jibqgħu jagħżlu l-*headphones* minflok u, hekk, jibqgħu mwaħħlin fejn qegħdin? Kemm qed nitmagħhom u nisqihom għerf l-esperjenzi li ġarrabt f'ħajti bil-għan li ngħinhom jagħmlu l-għażliet meħtieġa f'ħajjithom? U dan kollu qed narah bħala toqol jew bħala xogħol ta' mħabba lejhom għax tassew irridhom jikbru u jimmaturaw fl-għażliet li jagħmlu f'ħajjithom?

L-eżortazzjoni tisħaq ukoll fuq il-punt li ż-żgħażagħ m'għandhom qatt jitilfu l-kuntatt tagħhom mal-anzjani għax jistgħu jitgħallmu ħafna mill-esperjenzi tagħhom. L-eżortazzjoni tkompli tgħid: "Oqgħod fejn jiltaqgħu l-anzjani u, fejn hemm xi għaref, oqgħod ħdejh. Jekk issib bniedem li jifhem, bakkar biex tmur għandu u saqajk iħaffru l-għatba ta' biebu." Hu x'inhu, is-snin twal li għexu l-anzjani flimkien ma' dak kollu li għadda mingħalihom fil-ħajja, iwassalna biex inħarsu lejhom b'rispett. "Qum quddiem l-anzjan, b'xagħru bajda!" għax, "il-foħrija taż-żgħażagħ hija saħħithom u l-bjuda ta' xagħarhom huwa l-ieħ tal-anzjani." Il-Bibbja titlobna: "Isma' minn missierek li tak il-ħajja u tmaqdarx 'l ommok meta tixjieħ." Il-kmandament weġġaħ lil missierek u 'l ommok huwa "l-ewwel kmandament b'wegħda" u l-wegħda hija: "li jkollok ir-risq u jtul għomrok fuq l-art."

Jekk, lilna l-anzjani, il-Bibbja qed tgħabbina b'daqstant responsabbiltà, kif nistgħu nagħtuhom daharna liż-żgħażagħ? Kif nistgħu nibqgħu indifferenti lejhom u kelma ta' ġid ma ngħiduhielhomx? Anki jekk uliedna u oħrajn, xi minn daqqiet, jinterpretaw l-azzjoni tajba tagħna bħala indħil?

Lilna, bħala anzjani, punt numru 190 tal-eżortazzjoni jserrħilna rasna li dak li ngħidu liż-żgħażagħ mhux vanġelu; li fih hemm x'wieħed jirranġa wkoll. Kien għalhekk li Papa Franġisku kiteb: Dan ma jfissirx li int għandek taqbel f'kollox ma' dak li jgħidulek l-anzjani, lanqas li tapprova l-għemejjel kollha tagħhom. Iż-żgħażagħ għandu jkollhom spirtu kritiku. Meta jirriferi għall-Griegi tal-qedem, San Bażilju l-Kbir jirrakkomanda liż-żgħażagħ biex jistmaw lill-anzjani imma jilqgħu biss it-tajjeb li jgħallmuhom. B'daqshekk ma jfissirx li żgħażagħ jagħlqu qalbhom għalina jew li aħna, bħala anzjani, nagħlqu qalbna għalihom. Sempliċiment, il-Papa qalilna li għandna nkunu miftuħin biex nixorbu mill-għerf li jgħaddi minn ġenerazzjoni għall-oħra.

X'inhuma l-konsegwenzi aħħarin ta' dan il-ftuħ? L-ewwel nett, id-dinja la qatt kellha u lanqas ser ikollha bżonn ta' qasma bejn il-ġenerazzjonijiet. It-tieni nett, l-eżistenza tar-relazzjonijiet bejn il-ġenerazzjonijiet timplika li, fil-kommunitajiet hemm post għall-memorja kollettiva biex kull ġenerazzjoni terġa' taqbad it-tagħlim tal-predeċessuri tagħha u, b'hekk, tħalli wirt lis-suċċessuri. It-tielet nett, hemm bżonn daqs il-ħobż ta' kwadri ta' riferiment biex, fis-sod, nibnu soċjetà ġdida. Kif jgħid il-qawl: "Kieku ż-żagħżugħ kien jaf u x-xwejjaħ kien jiflaħ, ma kienx ikun hemm ħaġa li ma tistax issir!"

Bħala konklużjoni, nixtieq insemmi biss sentenza li kien qal l-Isqof Fulton Sheen u li ddomm dawn il-ħsibijiet flimkien: "Oqgħod attent kif tgħix! Int ser tkun l-unika Bibbja li, xi nies, qatt jistgħu jaqraw!" Filwaqt li dan id-diskors jgħodd għal kulħadd, ejjew aħna, bħala anzjani, ngħixuh b'serjetà kbira. Ejjew inkunu ta' eżempju tajjeb għaż-żgħażagħ tagħna li tant għandhom ħtieġa ta' eżempji tajbin kif ukoll ta' punti ta' riferiment ħalli jkunu jistgħu jibnu ħajjithom fis-sod!

# In-nagħġa l-mitlufa

*Novella ta' Lina Brockdorff*



Marie u Walter kienu ilhom miżżewġin tletin sena li, matulhom, rabbew tlitt itfal. Imma wasal jum meta wliedhom qabdu triqithom u l-omm u l-missier reġgħu sabu ruħhom waħedhom ġo villa Ta' Xbiex. Marie, bħal kull omm oħra, kienet kuntenta tara lil uliedha jikbru u jieħdu l-istat tagħhom imma kienu jiġu waqtiet meta xtaqithom għadhom żgħar biex terġa' tgawdihom mill-ġdid. Donnu li l-bniedem qatt ma jsib kuntentizza għax, meta t-tfal kienu żgħar, min jaf kemm xtaqet li jfittxu jikbru u, issa li kibru u telqu, xtaqithom għadhom id-dar. Veru li kienu jċemplulha spiss imma, imberkin li huma, dejjem mgħaġġlin u dejjem jilmentaw kemm għandhom x'jagħmlu. Lanqas ma kien possibbli li wliedhom iżuruhom ta' spiss għax il-ħin prezzjuż u mhux dejjem jippermettilek tagħmel dak li tippjana jew dak li tixtieq.

Ġara li, mindu telqu wliedhom, id-dar qisha ħadet atmosfera differenti. Is-soltu, Walter, b'xi skuża jew oħra, kien iqatta' ħafna ħin idur fil-kamra fejn tkun martu tant li, xi drabi, kważi kważi kien idejjaqha, għalkemm qatt ma ċanfritu. Imma, dan l-aħħar, beda jippreferi jibqa' waħdu, fl-istudju. Martu tgħidx x'kurżità kellha biex tkun taf x'joqgħod jagħmel hemm għax hu ma kellu ebda passatemp. Tgħid joqgħod jirranġa xi kexxun tal-iskrivanija mburġat b'karti li jmisshom ilhom li ntremew?

Wara li għaddew ftit ġimgħat, Marie bdiet tinduna li żewġha bilkemm kien jitkellem waqt l-ikel u l-kumplament tal-ħin kien iqattgħu jew fl-istudju jew inkella rieqed. Tgħid kien ma jiflaħx u ma qal xejn biex ma jinkwetahiex? Iddeċidiet li, meta jkun il-waqt, tistaqsih jekk ġralux xi ħaġa imma, qabel laħqet fetħet ħalqha, iddeċieda li jitkellem hu. Kienet qed issajjar u bilkemm ma ħasadhiex għax daħal fil-kċina mingħajr ħoss. Mhux soltu tiegħu! "Marie, għandi bżonn inkellmek!" qalilha.

"Hawn jien; qed nisimgħek."

"Le, mhux qed tismagħni. Int moħħok fil-basal li qed tqatta'. Itlaq minn idejk u ejja ħdejja!" Leħnu kien daqsxejn żorr.

Issa, Marie kienet żgura li żewġha kien ser jgħidilha li ma jiflaħx u li qed iħoss is-sintomi ta' xi marda serja. Ħaslet idejha u ħaffet għal fuq is-siġġu ta' ħdejn fejn kien hu. Innutat li kien biddel u ma kienx bil-ħwejjeġ tad-dar, kif ikun is-soltu.

"Naf li mintix ser tifhimni, li ser tħoss dix-xewqa tiegħi stramba imma nitolbok biex ma titlifx sabrek u tismagħni."

"Jien hawn qiegħda, lesta biex nisimgħek. X'qed tistenna? Mhux aħjar tibda?"

"Għax, dan l-aħħar, m'iniex inħossni f'sikkti f'did-dar!"

"Jaqaw tixtieq immorru xi jumejn fid-dar li għandna Birżebbuġa?"

"Le, le; xejn affattu. Ħallik minn Birżebbuġa. Nixtieq biss li mmur jumejn waħdi, xi mkien, imqar Għawdex, imma waħdi. Qed tismagħni? Qed tifhimni?"

"Kieku qed nisimgħek imma m'iniex nifhmek."

"Ma tantx hemm x'tifhem," weġibha b'ton ta' wieħed innervjat. "F'kelma waħda, nixtieq li ninfirdu!"

Marie bbieset; ma riditx temmen lil widnejha. Jaqaw kien qed jitlef moħħu? F'idejh, kellu ċ-ċwievet tal-karozza. Ma kinitx taf kif għandha twieġbu jew x'reażżjoni kellha tagħmel. Fl-aħħar, xhin indunat li qed jinnervja għax ma weġbitux, qaltlu: "Jien mhu qed nifhem xejn imma, xi tridni ngħidlek, jekk trid titlaq, m'iniex ser inżommok. Mid-dehra, int diġà lbist u lest biex titlaq."

"Hekk hu, sejjer issa stess! Għandi l-valiġġa lesta. Tinkwetax għalija, flus fuqi għandi u għandi wkoll il-ktieb tal-bank li qiegħed f'ismi." Kif qal hekk, qam, mexa lejn il-bieb ta' barra, fejn kellu l-valiġġa tistennieh, u ħareġ. Marie baqgħet bilqiegħda fejn kienet qisha ma tistax temmen li, dak li kien qed iseħħ, kien qed jiġri lilha u li ma kienx xi *film* li qed tara u li fih kienu involuti nies oħrajn. Damet biċċa sewwa sakemm irrealizzat x'kien ġara tassew imbagħad infexxet f'bikja kbira. Xhin ġiet kemxejn f'sikkitha, ċemplet lil Lucienne, bintha l-kbira u, minflok irrakkontatilha x'inqala', reġgħet infaqgħet tibki.

"Mamà, arani ġejja ħdejk għax ma nista' nifhem xejn! Daqt tarani hemm!" Meta waslet ħdejha, talbitha tikkalma, għamlitilha kikkra kafè mbagħad talbitha tirrakontalha kollox.

"Ma tantx hemm x'nirrakonta binti. Li qed ngħidlek kollu ġara dalgħodu, ftit tal-minuti ilu. Ara fejn qatt konna qed nistennew traġedja bħal din!"

"Ibda biex, ipprova tkabbarhomx l-affarijiet. Veru, għandek raġun li tinsab taħt xokk bħalissa u forsi għalhekk qed titkellem hekk. Emminni, imma ma nafx x'naqbad ngħidlek biex nikkunslak. PerÐ, importanti li ma tkabbarx is-sitwazzjoni żżejjed. Ftakar li hemm saħħtek fin-nofs. Issa, billi toqgħod tibki, taħseb li ser iġġibu lura? Ara, jekk trid, tista' tiġi d-dar tiegħi biex ma toqgħodx waħdek. X'taħseb?"

"Jien nirringrazzjak tal-offerta, binti, imma nippreferi nibqa' hawn għax ma tagħmilx sens li nibda ta' bilfors irrid lil xi ħadd miegħi. Irrid jew ma rridx, ikolli nidra. Grazzi talli ġejt imma, issa, ikun aħjar jekk tmur lura l-uffiċju u, agħmilli pjaċir, ċempel lil ħutek u għarrafhom b'kulma ġara."

Għall-ewwel, Marie baqgħet ma tistax tniżżilha din l-istorja ta' kif Walter, kiesaħ u biered, ħareġ minn ħajjitha. Bkiet fuq li bkiet u għalxejn kienu jmorru wliedha ħdejha u jippruvaw joħorġuha, issakkret ġewwa u ma xtaqitx tara nies. Imma, bil-mod il-mod kellha taċċetta l-fatt. Wara xi sitt xhur, bdiet tirrealizza kemm intelqet, kemm naqset fil-piż, ħaġa li ma xtaqithiex għax ma kellhiex piż żejjed. Iddeċidiet li kienet bkiet biżżejjed u bdiet tagħmel il-kuraġġ lilha nfisha.

Għadda ż-żmien imma qatt ma semgħet kelma jew ħadet ittra mingħand żewġha. Hi xorta baqgħet taħseb fih għalkemm qatt ma semmietu iktar ma' wliedha għax

kienu jaħtfuha u jgħidulha biex tinsieh. Ara kif jista' jkun tinsieh!

Kien ix-xahar ta' Frar, jum meta x-xita ma riedet tieqaf b'xejn. Saru s-sebgħa ta' filgħaxija. Tgħidx kemm kien ilu li dalam. Marie ma tantx kienet tħobb tara t-televiżjoni; kienet tippreferi titgezzez fis-sodda b'xi ktieb. Xħin waslet biex titla' fuq, bdiet iddur it-twieqi u l-bibien biex tara humiex imsakkrin meta, ħin minnhom, semgħet bħal tħaxwix ħdejn il-bieb ta' barra. Forsi semgħet ħażin, jew immaġinat. Kienet mara ta' kuraġġ imma ma riditx taqbad u tiftaħ il-bieb bl-addoċċ, sakemm reġgħet semgħet l-istess tħaxwix. Fittxet it-torċ li kienet iżżomm qrib il-bieb ta' barra, iddeċidiet li tbexxaq kemxejn it-tieqa tas-salott u, mingħajr ma tixxarrab, tittawwal minn hemm. Hekk għamlet. Lemħet bħal qisu gozz ħwejjeġ jiċċaqalqu u, f'dik id-dalma, rat xi ħaġa żgħira tleqq f'nofs dik is-sorra ħwejjeġ. Marret wara l-bieb u, b'leħen għoli, staqsiet: "Min hemm?"

B'vuċi bilkemm tinstema', xi ħadd wieġeb: "Jien, jien Marie." Għarfitu dak il-leħen. Fetħet il-bieb malajr u ratu hemm mitluq gozz fuq it-tarġa.

"Nitolbok, tkeċċinix minn hawn." Talabha. "Ħallini nqatta' l-lejl hawn, fuq it-tarġa!"

"Qum minn hemm!" ordnatlu, kif qalet hekk, bdiet tgħinu jqum fuq riglejh. "Imxi 'l ġewwa!"

"Ser nimlilek kulm' hemm bl-ilma!" qalilha.

"Ma jimpurtax, imxi sal-kamra tal-banju. Sadattant, inġiblek tibdila nadifa mill-kamra tiegħek. Baqgħet iżżommu mill-polz t'idu. Ħasset xi ħaġa iebsa. Kien l-arloġġ li kienet xtratlu mill-Isvizzera meta marru *honeymoon*. Kien imdawwar bi ftit djamanti irqaq. Bla ma ħasbitha, għaddiet kumment: "Ara, mela dan għadu għandek?"

"Iva," weġibha; "dak ma ridt ninfired minnu qatt! Avolja kien hemm drabi meta lanqas x'niekol ma kelli għax, dment li jkolli lilu, kont inħoss lilek miegħi!"



# Il-Pirati matul iż-Żmien

***Kitba ta' Paul J. Debono minn Ħal Lija***

Il-piraterija ilha teżisti minn żmien Żemżem. Sa minn meta l-Feniċi bdew ibaħħru fil-Mediterran, diġà kienu jiltaqgħu mal-furbani li kienu jassaltawhom u jisirquhom. Il-Feniċi malajr tgħallmu għax, mal-bastimenti tat-tagħbija, bdew jibagħtu galeri b'għadd ta' ġellieda armati biex jiddefendu l-bastimenti tat-tagħbija tagħhom.

Fl-istorja nsibu li anki Ġulju Cesare kellu jitqatel bla waqfien kontra l-pirati li spiss kienu joħorġu mill-bejtiet tagħhom fil-Baħar l-Iswed, jgħaddu mid-Dardanelli għall-Mediterran u jgħassu għall-bastimenti tat-tagħbija fi triqithom lejn Ruma. Lew Wallace, li kiteb ir-rumanz Ben Hur, inkluda episodju simili li fih il-pirati attakkaw lir-Rumani imma sabu ma' wiċċhom il-Flotta Imperjali u saret taqbida ħarxa.

Fis-sena 431 WK, il-Vandali ħadu t-Tuneżija, niżlu fuq meddiet ta' art in-naħa t'isfel tal-Italja u qatgħu kemm sabu siġar. Bihom, bnew flotta qawwija ta' galeri u, għal tul ta' żmien, saru t-terrur tal-Mediterran billi jisirqu kull skuna li jkollha l-isfortuna li tiġi taħt idejhom. M'għandna ebda prova li l-gżejjer Maltin qatt waqgħu taħt idejn il-Vandali għalkemm, x'aktarx, li xi bastimenti minn tagħhom spiss kienu jsibu l-irdoss fil-portijiet kennija ta' Malta waqt xi tempesta.

Fil-medju evu, il-merkanti tal-Hansa wkoll kienu jibagħtu galeri armati bis-suldati biex jipproteġu l-bastimenti tat-tagħbija tagħhom. F'dan iż-żmien, insibu li ċ-ċkejkna Malta ta' sikwit kienet tisfa vittma ta' dawn il-pirati li kienu jinżlu l-art, jisirqu dak kollu li kien jgħodd għalihom u jkaxkru magħhom l-irġiel li kienu tajbin għax-xogħol, nisa u anki tfal bħala lsiera. L-unika konsolazzjoni kienet li, lilna l-anzjani, kienu jħalluna hawn! Fil-letteratura Maltija, insibu għadd ta' kotba li jittrattaw din il-parti tal-istorja ta' pajjiżna. Jiġu f'moħħi l-istorja tal-Gharusa tal-Mosta u l-kotba tal-Professur Ġużè Galea, fost pħrajn.

Infatti, kif insibu fil-ktieb, Raġel bil-Għaqal ta' Ġużè Galea, Kemmuna kienet anki għal żmien saret bejta tal-furbani li kienu jistaħbew hemmhekk biex, kif titfaċċa xi qoxra tal-baħar, jaqbżu fuqha u jisirquha.

Il-kursari tal-Alġerija wkoll kienu ta' ksir il-għonq għal kull min jgħaddi minn dawn l-inħawi. Fl-1816, Ammirall Ingliż b'għadd ta' iġfna, bosta minnhom bi tliet saffi ta' kanuni fuq kull naħa, attakkaw Alġier, għamlu ħerba mill-fortizzi tagħha u għerrqu ħafna xambekki tal-kursari. Imma din kienet biss tbeżbiża għax, wara biss ftit tas-snin, dawn il-ħallelin tal-baħar Alġerini reġgħu ħadu r-ruħ u, għal darb' oħra, ħadd ma seta' joqgħod kwiet bihom. Sabu tmiemhom fis-sena 1830 meta, sa fl-aħħar, flotta qawwija Franċiża mgħobbija b'eluf ta' suldati daħlet Alġier u ħadet dak il-post bil-qawwa tax-xabla.

Anki fil-Karibew, il-pirati baqgħu attivi, għall-inqas, sal-1830 meta wieħed mill-aħħar pirati temmewlu ħajtu fuq il-forka.

Matul il-kosta taċ-Ċina, u anki madwar il-gżejjer orjentali ta' Java, Borneo u Sumatra, insibu li l-piraterija baqgħet tkaxkar żgur sal-1920. Il-kittieb Taljan Emilio Salgari kiteb għadd ta' rumanzi fuq il-piraterija f'dawn in-naħat li għadni kemm semmejtilkom. Min ma semax b'Sandokan, perezempju?

Sfortunatament, anki llum għadhom, minn żmien għal żmien, jinbtu xi pirati Somali li joħolmu li jistgħu jaħtfu imqar tanker taż-żejt, iżommuh bħala rahan u jitolbu somma fenomenali ta' flus għall-ħelsien tiegħu. *Film* sabiħ dwar dan is-suġġett, li ħareġ fis-sena 2013, jismu Captain Phillips; parti maħduma bl-iktar mod eċċellenti mill-attur ċelebri Tom Hanks.



# TISLIBA Nru.110

**Minn Albert Howard Madiona**

**Mimdudin:**
1. ...jibqgħu s-swaba' ċ-ċrieket jiġru (6)
5. Poeżija b'erbatax-il Vers (6)
10. Telaq; Hareġ; Ħalla (3)
12. Ħa lura; Hareġ bil-pensjoni (5)
14  Warrab; Bewweġ; Skansa (5)
15. Għelieqi, Art għammiela (4)
16. Nofs Enne (2)
17. Biżbetiku, Żorr; Bla kumplimenti (5)
19. Il-..... ġġib il-kelma u r-ruħ taqa' (5)
22. Theżżiż tal-art (8)
24. Ġardina bis-siġar; Ġnejna (3)
25. Logħob li fih tista' titlef bosta (6)
28. Farka, Għabra (5)
31. Waħda taz-zalzett? (5)
33. Żmien ta' issa (7)
35. Natalino qassar ismu (5)
37. Nazzjonijiet Uniti (1.1)
38. Għasfur li jinħabb (6)
39. Ringo tal-Beatles (5)

**Weqfin:**
2. ...fil-ħażin biex it-tajjeb ma' jonqos (5)
3. <M> (4)
4. Priżervat; Imħawwar (7)
6. Użin ta' 28-35 gramma (5)
7. Rita stirata fil-widna; Strument mużikali (6)
8. Tidwir; Ġiri (6)
9. Papoċċ bla dahar (6)
11. Sliem Għalik (3)
13. Ikkonferma; Wera ruħu favur (7)
18. Pa, (kif isejħulu wlied żgħar) (4)
20. Xorb ħelu; Xorb tan-nisa (7)
21. Sons of the Revolution of Zambia (1.1.1)
23. Minn jemmen fl-estremiżmu (9)
26. Xalatur; Libertin (6)
27. Sosteniment; Assistenza (6)
29. Ħsiebu hemm; Diliġenti (6)
30. L-.... tinsab 'il ġewwa mill-port ta' Marsamxett (6)
32. Azzjoni; Ħidma; Attività (3)
34. Żball; qerq; Ingann (5)
36. Anna mqassra (3)

**Premju:** It-tislibiet tajbin li nirċievu bil-posta, sal-ewwel xahar minn meta joħroġ il-fuljett, jittellgħu bil-polza biex jingħata premju ta' €10.
Il-Premju għat-tisliba numru 109 ntrebħet mis-Sin. Motabello, Gzira. **Prosit!**

---

**Soluzzjoni tat-tisliba tal-ħarġa numru 109**

**Mimdudin:** **1** dragut, **5** immens, **10** feż, **12** rosso, **14** arżnu, **15** xini, **16** aa, **17** adele, **19** reati, **22** allurmar, **24** pot, **25** aptitu, **28** msida, **31** ħrafa, **33** ħanżir, **35** sraqt, **37** ai, **38** riklam u **39** kurat.
**Weqfin:** **2** raġun, **3** gafa, **4** tużżana, **6** mosta, **7** senter, **8** munxar, **9** krudili, **11** era, **13** operati, **18** ziti, **20** applaws, **21** tot, **23** romantiku, **26** urtat, **27** baħbaħ, **29** alaska, **30** għadira, **32** ara, **34** isqra u **36** qam.



# Pitturi famużi

*Kitba ta' Vincent Piccinino*



*Portrait, 1879*

Édouard Manet 1832 – 1883

Édouard Manet twieled Pariġi fit-23 ta' Jannar 1832. Kien minn familja ta' klassi għolja b'konnessjonijiet politiċi. Ommu kienet bint diplomatiku u filjozza tal-Prinċep Eredi Svediż, Charles Bernadotte. Missier Manet kien imħallef li, naturalment, ippretenda li ibnu kien ser jaqbad il-kors tal-liġi imma Édouard, inkoraġġut minn zijuh, ipprefera jiddedika ruħu għall-pittura. U, fl-aħħar, missieru ċeda. Universalment, Édouard Manet huwa meqjus bħala Missier il-Moderniżmu. Kien wieħed minn tal-ewwel artisti tas-seklu dsatax li beda jpinġi arti moderna u, bħala tali, kien fugura ewlenija fit-transizzjoni mir-Realiżmu għall-Impressjoniżmu.



*Music in the Tuileries, 1862, Nat. Gallery, London*

Għal bidu, il-pittura tiegħu kienet tinkludi l-użu tal-kulur iswed flimkien ma' lwien skuri oħrajn, ħaġa li l-pitturi impressjonisti ma kinux jagħmlu. Għall-ħabta tal-1868, Manet beda jagħmilha mal-Impressjonisti Edgar Degas, Claude Monet, Pierre-Auguste Renoir, Alfred Sisley, Paul Cézanne u Camille Pissarro u anki beda juża inqas l-iswed u iktar kuluri vivaċi.



*Le Chemin de Fer, 1873*

Għalkemm l-arti tiegħu kienet influwenzata minn, u anki antiċipat, l-istil Impressjonista, Manet kien jirreżisti li jipparteċipa f'wirjiet Impressjonisti, prinċipalment, għax kien jippreferi jesebixxi fil-*Paris Salon*.

Ix-xogħol estensiv ta' Édouard Manet jinkludi erba' mija u tletin tpinġija taż-żejt fuq it-tila, disgħa u tmenin pastell u iktar minn erba' mitt xogħol ieħor fuq il-karta. Pinġa ħafna kwadri li juru xeni mit-toroq ta' Pariġi. Ix-xeni ġo kafejiet Pariġini ta' Manet huma xhieda ta' kif kienet il-ħajja soċjali ġewwa Pariġi fis-seklu dsatax. Fl-aħħar ta' ħajtu, Manet pinġa għadd ta' *still lives (natura morta)* bħal frott, ħxejjex u fjuri ġo vażetti tal-ħġieġ.



*At the Cafè, 1878*

Fl-1881, bl-insistenza tal-ħabib tiegħu, Antonin Proust, il-Gvern Franċiż ta lil Édouard Manet il-*Légion d'honneur*. Fl-1882, sena qabel miet, Manet pinġa l-aħħar xogħol maġġuri tiegħu, *A Bar at the Folies-Bergére* u, dik is-sena, dan il-kwadru kien għall-wiri fil-*Paris Salon*.



*Le Printemp, 1881*

F'Novembru tas-sena 2014, il-Paul Getty Museum ta' Los Angeles ħallas iktar minn ħamsa u sittin miljun dollaru Amerikan biex akkwista l-pittura, *Le Printemp (Spring)* li Manet pinġa fl-1881.

Édouard Manet miet f'Pariġi fit-30 t'April tal-1883 fl-età ta' wieħed u ħamsin sena.



*A Bar at the Folies-Bergère, 1882*



**IL-KUNSILL NAZZJONALI TAL- ANZJANI**

**JAWGURA LILL-OMMIJIET KOLLHA**

**L-ISBAĦ XEWQAT**

**F'JUM L-OMM**

**LAQGĦA ĠENERALI ANNWALI**
**KUNSILL NAZZJONALI TAL-ANZJANI**
**SER TINŻAMM NHAR**
**IS-SIBT 15 t'April 2023**
**FL-ISTITUT KATTOLIKU, IL-FURJANA**
**fid-9:00 ta' filgħodu**

**L-ANZJANI HUMA MISTIEDNA JATTENDU**

**Il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani**
**jawgura lill-Missirijiet kollha**
**fil-Jum iddedikat għalihom ta'**
**JUM IL-MISSIER**



## Jum il-missier

*Anthony Borg - 09/06/1989*

Unur għamiltli fejn imxejt
u ismek semmejt!
Qatt idejk fuqi ma 'rfajt
imma kelma għall-ġid
dejjem tajt.
Bla waqfien stinkajt
biex lili u lil ħuti
nies sew tellajt.